# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 139

Edizzjoni bil-Malti — Leġiżlazzjoni

Volum 61

5 ta' Ġunju 2018


Werrej


I *Atti leġiżlattivi*

DIRETTIVI

★ **Direttiva tal-Kunsill (UE) 2018/822 tal-25 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar l-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni fir-rigward ta' arranġamenti transkonfinali rapportabbli** ..... 1

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/823 tal-4 ta' Ġunju 2018 li jtemm ir-rieżami interim parzjali tal-miżuri kompensatorji applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti troti qawsalla li joriġinaw mir-Repubblika tat-Turkija** ..... 14

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/824 tal-4 ta' Ġunju 2018 li ttemm il-proċediment antidumping fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' ferrosiliċju li joriġina fl-Eġittu u l-Ukrajna** ..... 25


MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

I

*(Atti leġiżlattivi)*

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUNSILL (UE) 2018/822

**tal-25 ta' Mejju 2018**

**li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar l-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni fir-rigward ta' arranġamenti transkonfinali rapportabbli**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 113 u 115 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Filwaqt li jaġixxi f'konformità ma' proċedura leġislattiva speċjali,

Billi:

(1) Sabiex jiġu akkomodati inizjattivi ġodda fil-qasam tat-trasparenza tat-taxxa fil-livell tal-Unjoni, id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE ([3]) kienet is-suġġett ta' sensiela ta' emendi matul dawn l-aħħar snin. F'dan il-kuntest, id-Direttiva tal-Kunsill 2014/107/UE ([4]) introduċiet l-Istandard Komuni ta' Rappurtar (CRS, *Common Reporting Standard*) li ġie żviluppat mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) għal informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji fl-Unjoni. Is-CRS jipprovdi għall-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji miżmuma minn persuni mhux residenti u jistabbilixxi qafas għal dak l-iskambju fid-dinja kollha. Id-Direttiva 2011/16/UE ġiet emendata bid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/2376 ([5]), li pprevediet l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar deċiżjonijiet transkonfinali antiċipati tat-taxxa u bid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/881 ([6]), li pprevediet l-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni dwar rappurtar għal kull pajjiż tal-intrapriżi multinazzjonali bejn l-awtoritajiet tat-taxxa. Fid-dawl tal-użu li l-informazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus jista' jkollha għall-awtoritajiet tat-taxxa, id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/2258 ([7]) stabbilixxiet obbligu fuq l-Istati Membri li jagħtu lill-awtoritajiet tat-taxxa aċċess għal proċeduri ta' diliġenza dovuta għall-konsumatur applikati minn istituzzjonijiet finanzjarji taħt id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament

([1]) Opinjoni tal-1 ta' Marzu 2018 (għadha mhijiex ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*).
([2]) Opinjoni tat-18 ta' Jannar 2018 (għadha mhijiex ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*).
([3]) Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE (ĠU L 64, 11.3.2011, p. 1).
([4]) Direttiva tal-Kunsill 2014/107/UE tad-9 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni (ĠU L 359, 16.12.2014, p. 1).
([5]) Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/2376 tat-8 ta' Diċembru 2015 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni (ĠU L 332, 18.12.2015, p. 1).
([6]) Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/881 tal-25 ta' Mejju 2016 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni (ĠU L 146, 3.6.2016, p. 8).
([7]) Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/2258 tas-6 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-aċċess mill-awtoritajiet tat-taxxa għal informazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus (ĠU L 342, 16.12.2016, p. 1).

Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Għalkemm id-Direttiva 2011/16/UE ġiet emendata diversi drabi sabiex jitjiebu l-mezzi li l-awtoritajiet tat-taxxa jistgħu jużaw biex jirreaġixxu għal ippjanar aggressiv tat-taxxa, għad hemm il-ħtieġa li jiġu rinforzati ċerti aspetti speċifiċi ta' trasparenza tal-qafas eżistenti tat-tassazzjoni.

(2) L-Istati Membri jsibuha dejjem aktar diffiċli li jipproteġu l-bażijiet tat-taxxa nazzjonali tagħhom mill-erożjoni peress li l-istrutturi tal-ippjanar tat-taxxa evolvew biex saru partikolarment sofistikati u ħafna drabi jieħdu vantaġġ mill-mobilità miżjuda kemm tal-kapital kif ukoll tal-persuni fis-suq intern. Tali strutturi spiss jikkonsistu minn arranġamenti li huma żviluppati f'diversi ġurisdizzjonijiet u jċaqilqu l-profitti taxxabbli lejn sistemi tat-taxxa aktar favorevoli jew li jkollhom l-effett li jnaqqsu l-kont tat-taxxa globali tal-kontribwent. B'riżultat ta' dan, l-Istati Membri ħafna drabi jesperjenzaw tnaqqis konsiderevoli tad-dħul tagħhom mit-taxxi, li jtellifhom milli japplikaw politiki tat-taxxa li jgħinu t-tkabbir. Huwa għalhekk fundamentali li l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri jiksbu informazzjoni komprensiva u rilevanti dwar arranġamenti potenzjalment aggressivi tat-taxxa. Tali informazzjoni tippermetti li dawk l-awtoritajiet jirreaġixxu fil-pront kontra prattiki tat-taxxa dannużi u jagħlqu lakuni bil-promulgazzjoni ta' leġislazzjoni jew billi jwettqu valutazzjonijiet tar-riskju adegwati u awditjar tat-taxxa. Madankollu, il-fatt li l-awtoritajiet tat-taxxa ma jirreaġixxux fir-rigward ta' arranġament rappurtat ma għandux jimplika l-aċċettazzjoni tal-validità jew tat-trattament ta' taxxa ta' dak l-arranġament.

(3) Meta jiġi kkunsidrat li l-parti l-kbira tal-arranġamenti ta' ppjanar potenzjalment aggressiv tat-taxxa hija mifruxa fuq aktar minn ġurisdizzjoni waħda, l-iżvelar tal-informazzjoni dwar dawk l-arranġamenti jwassal għal riżultati pożittivi addizzjonali fejn dik l-informazzjoni tkun ġiet skambjata wkoll fost l-Istati Membri. B'mod partikolari, l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni bejn awtoritajiet tat-taxxa huwa kruċjali biex dawk l-awtoritajiet jiġu pprovduti bl-informazzjoni meħtieġa biex ikunu jistgħu jieħdu azzjoni fejn josservaw prattiki aggressivi tat-taxxa.

(4) Bir-rikonoxximent li qafas trasparenti għall-iżvilupp ta' attività ta' negozju jista' jikkontribwixxi għat-trażżin tal-evitar u tal-evażjoni tat-taxxa fis-suq intern, il-Kummissjoni ntalbet twettaq inizjattivi fir-rigward tal-iżvelar obbligatorju ta' informazzjoni dwar arranġamenti ta' ppjanar potenzjalment aggressiv tat-taxxa fuq il-linji tal-Azzjoni 12 tal-Proġett tal-OECD dwar l-Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u t-Trasferiment tal-Profitti (BEPS). F'dan il-kuntest, il-Parlament Ewropew talab miżuri aktar severi kontra intermedjarji li jgħinu f'arranġamenti li jistgħu jwasslu għall-evitar u l-evażjoni tat-taxxa. Huwa importanti wkoll li wieħed jinnota li fid-"Dikjarazzjoni ta' Bari tal-G7 tat-13 ta' Mejju 2017 dwar il-ġlieda kontra reati tat-taxxa u flussi finanzjarji illeċiti oħra", l-OECD ntalbet tibda tiddiskuti modi possibbli biex jiġu indirizzati arranġamenti mfassla bil-ħsieb li jevitaw ir-rappurtar taħt is-CRS jew li għandhom l-għan li jipprovdu lis-sidien benefiċjarji bil-protezzjoni ta' strutturi mhux trasparenti, filwaqt li tqis ukoll mudelli ta' regoli obbligatorji ta' żvelar ispirati mill-approċċ meħud għall-arranġamenti tal-evitar tat-taxxa deskritti fir-Rapport tal-Azzjoni 12 tal-BEPS.

(5) Jenħtieġ li jitfakkar li ċerti intermedjarji finanzjarji u fornituri oħra ta' pariri dwar it-taxxa jidhru li għenu b'mod attiv lill-klijenti tagħhom biex jaħbu flus barra mill-pajjiż. Barra minn hekk, għalkemm is-CRS introdott mid-Direttiva 2014/107/UE huwa pass sinifikanti 'l quddiem fl-istabbiliment ta' qafas ta' trasparenza tat-taxxa fl-Unjoni, tal-anqas f'termini ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji, dan xorta waħda jista' jitjieb.

(6) Ir-rappurtar ta' arranġamenti ta' ppjanar potenzjalment aggressiv tat-taxxa ta' dimensjoni transkonfinali jista' jikkontribwixxi b'mod effettiv għall-isforzi biex jinħoloq ambjent ta' tassazzjoni ġusta fis-suq intern. F'dan id-dawl, l-obbligu li intermedjarji jinformaw lill-awtoritajiet tat-taxxa dwar ċerti arranġamenti transkonfinali li jistgħu potenzjalment jintużaw għal ippjanar aggressiv tat-taxxa jkun jikkostitwixxi pass fid-direzzjoni t-tajba. Sabiex tiġi żviluppata politika aktar komprensiva, ikun ukoll meħtieġ li bħala t-tieni pass, wara r-rappurtar, l-awtoritajiet tat-taxxa jikkondividu informazzjoni mal-pari tagħhom fi Stati Membri oħra. Dawn l-arranġamenti jeħtieġu jsaħħu wkoll l-effettività tas-CRS. Barra minn hekk, ikun kruċjali li l-Kummissjoni tingħata aċċess għal ammont suffiċjenti ta' informazzjoni sabiex tkun tista' timmonitorja l-funzjonament korrett ta' din id-Direttiva. Dan l-aċċess għall-informazzjoni mill-Kummissjoni ma jeżonerax lil Stat Membru mill-obbligi tiegħu li jinnotifika kull għajnuna mill-Istat lill-Kummissjoni.

(7) Huwa rikonoxxut li r-rappurtar ta' arranġamenti ta' ppjanar transkonfinali potenzjalment aggressiv tat-taxxa jkollu aktar ċans li jikseb l-effett ta' deterrent previst tiegħu fejn l-informazzjoni rilevanti tkun laħqet lill-awtoritajiet tat-taxxa fi stadju bikri, fi kliem ieħor qabel ma tali arranġamenti jkunu fil-fatt ġew implimentati. Biex jiġi ffaċilitat ix-xogħol tal-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri, l-iskambju awtomatiku sussegwenti ta' informazzjoni dwar tali arranġamenti jista' jseħħ kull tliet xhur.

([1]) Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

(8) Biex ikun żgurat il-funzjonament korrett tas-suq intern u biex jiġu evitati lakuni fil-qafas propost ta' regoli, l-obbligu ta' rappurtar jenħtieġ li jiġi impost fuq l-atturi kollha li huma normalment involuti fit-tfassil, il-kummerċjalizzazzjoni, l-organizzazzjoni jew il-ġestjoni tal-implimentazzjoni ta' tranżazzjoni transkonfinali rapportabbli jew sensiela ta' tali tranżazzjonijiet, kif ukoll fuq dawk li jipprovdu assistenza jew parir. Lanqas ma għandu jiġi injorat li, f'ċerti każijiet, l-obbligu ta' rappurtar ma jkunx infurzabbli fuq intermedjarju minħabba privileġġ professjonali legali jew fejn ma jkunx hemm intermedjarju minħabba li, pereżempju, il-kontribwent ifassal u jimplimenta skema interna. F'dawn iċ-ċirkostanzi, ikun għaldaqstant kruċjali li l-awtoritajiet tat-taxxa ma jitilfux l-opportunità li jirċievu informazzjoni dwar arranġamenti relatati mat-taxxa li huma potenzjalment konnessi ma' ppjanar aggressiv tat-taxxa. F'tali każijiet, ikun għalhekk meħtieġ li l-obbligu ta' rappurtar jiġi trasferit lill-kontribwent li jibbenefika mill-arranġament.

(9) L-arranġamenti ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa evolvew matul is-snin u saru dejjem aktar kumplessi u huma dejjem soġġetti għal modifiki u aġġustamenti kostanti bħala reazzjoni għall-kontromiżuri difensivi mill-awtoritajiet tat-taxxa. Meta jiġi kkunsidrat dan kollu, ikun aktar effettiv li wieħed jipprova jindividwa arranġamenti ta' ppjanar potenzjalment aggressiv tat-taxxa bil-kompilazzjoni ta' lista ta' karatteristiċi u elementi ta' tranżazzjonijiet li jippreżentaw indikazzjoni qawwija ta' evitar jew ta' abbuż tat-taxxa pjuttost milli wieħed jiddefinixxi l-kunċett ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa. Dawk l-indikazzjonijiet jissejħu "karatteristiċi distintivi".

(10) Peress li l-objettiv primarju ta' din id-Direttiva dwar ir-rappurtar ta' arranġamenti transkonfinali ta' ppjanar potenzjalment aggressiv tat-taxxa jeħtieġ li jiffoka biex ikun żgurat il-funzjonament korrett tas-suq intern, huwa kruċjali li ma ssirx regolamentazzjoni fil-livell tal-Unjoni lil hinn minn dak li hu neċessarju biex jintlaħqu l-għanijiet previsti. Għal din ir-raġuni jkun meħtieġ li tiġi limitata kwalunkwe regola komuni dwar ir-rappurtar għal sitwazzjonijiet transkonfinali, jiġifieri dawk li jinvolvu jew aktar minn Stat Membru wieħed jew xi Stat Membru u pajjiż terz. F'tali ċirkostanzi, minħabba l-impatt potenzjali fuq il-funzjonament tas-suq intern, tista' tiġi ġġustifikata l-ħtieġa li jiġi promulgat sett komuni ta' regoli, pjuttost milli l-kwistjoni titħalla tiġi indirizzata fil-livell nazzjonali. Stat Membru jkun jista' jieħu miżuri nazzjonali ta' rappurtar ulterjuri ta' natura simili, iżda kwalunkwe informazzjoni miġbura addizzjonalment għal dik li hija rapportabbli f'konformità ma' din id-Direttiva ma għandhiex tiġi kkomunikata awtomatikament lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra. Dik l-informazzjoni tista' tiġi skambjata fuq talba jew spontanjament skont regoli applikabbli.

(11) Filwaqt li jiġi kkunsidrat li l-arranġamenti rapportabbli jenħtieġ li jkollhom dimensjoni transkonfinali, ikun importanti li tiġi kondiviża l-informazzjoni rilevanti mal-awtoritajiet tat-taxxa fi Stati Membri oħra sabiex tiġi żgurata l-effettività massima ta' din id-Direttiva fl-iskoraġġiment ta' prattiki ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa. Il-mekkaniżmu għall-iskambju ta' informazzjoni fil-kuntest ta' deċiżjonijiet antiċipati transkonfinali u arranġamenti preliminari ta' prezzijiet ta' trasferiment jenħtieġ li jintuża wkoll biex jiġi akkomodat l-iskambju obbligatorju u awtomatiku ta' informazzjoni rapportabbli dwar arranġamenti ta' ppjanar transkonfinali potenzjalment aggressiv tat-taxxa fost l-awtoritajiet tat-taxxa fl-Unjoni.

(12) Sabiex jiġi faċilitat l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni u jitjieb l-użu effiċjenti tar-riżorsi, jenħtieġ li l-iskambji jitwettqu permezz tan-netwerk komuni ta' komunikazzjoni ("NKK") żviluppat mill-Unjoni. F'dan il-kuntest, l-informazzjoni tiġi rreġistrata f'direttorju ċentrali sikur dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jimplimentaw sensiela ta' arranġamenti prattiċi, inklużi miżuri biex tiġi standardizzata l-komunikazzjoni tal-informazzjoni kollha mitluba billi tinħoloq formola standard. Dan jenħtieġ ukoll li jinvolvi l-ispeċifikazzjoni tar-rekwiżiti lingwistiċi għall-iskambju previst ta' informazzjoni u t-titjib tan-NKK skont kif ikun meħtieġ.

(13) Sabiex jiġu minimizzati l-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi kemm għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa kif ukoll għall-intermedjarji u sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' din id-Direttiva fl-iskoraġġiment ta' prattiki ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa, l-ambitu tal-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' arranġamenti transkonfinali rapportabbli fi ħdan l-Unjoni għandu jkun konsistenti mal-iżviluppi internazzjonali. Jenħtieġ li tiġi introdotta karatteristika distintiva biex jiġu indirizzati arranġamenti mfassla bil-ħsieb li jevitaw l-obbligi ta' rappurtar, li jinvolvi skambji awtomatiċi ta' informazzjoni. Għall-finijiet ta' dik il-karatteristika distintiva, il-ftehimiet dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji taħt is-CRS għandhom jiġu ttrattati bħala ekwivalenti għall-obbligi ta' rappurtar stabbiliti fl-Artikolu 8(3a) tad-Direttiva 2014/107/UE u fl-Anness I tagħha. Fl-implimentazzjoni tal-partijiet ta' din id-Direttiva li jindirizzaw arranġamenti ta' evitar tas-CRS u arranġamenti li jinvolvu persuni ġuridiċi jew arranġamenti legali jew kwalunkwe struttura simili oħra, l-Istati Membri jistgħu jużaw ix-xogħol tal-OECD, u aktar speċifikament il-Mudell ta' Regoli tagħha dwar l-Iżvelar Obbligatorju għall-Indirizzar ta' Arranġamenti ta' Evitar tas-CRS u Strutturi Offshore Opaki u l-Kummentarju tagħha, bħala sors ta' illustrazzjoni jew interpretazzjoni, sabiex tiġi żgurata konsistenza fl-applikazzjoni fost l-Istati Membri, sa fejn dawk it-testi huma allinjati mad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni.

(14) Filwaqt li t-tassazzjoni diretta tibqa' fil-kompetenza tal-Istati Membri, huwa xieraq li wieħed jirreferi għal rata tat-taxxa korporattiva ta' żero jew kważi żero, għall-iskop biss li tiddefinixxi b'mod ċar l-ambitu ta' karatteristika distintiva li tkopri arranġamenti li jinvolvu tranżazzjonijiet transkonfinali, li jenħtieġ li jkunu rapportabbli taħt id-Direttiva 2011/16/UE minn intermedjarji jew, kif xieraq, kontribwenti, u li dwarha l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiskambjaw informazzjoni b'mod awtomatiku. Barra minn hekk, huwa xieraq li jitfakkar li l-arranġamenti ta' ppjanar transkonfinali aggressiv tat-taxxa, li l-għan ewlieni jew wieħed mill-għanijiet ewlenin tagħhom hu li jinkiseb vantaġġ ta' taxxa li jmur kontra l-objettiv jew il-fini tal-liġi applikabbli tat-taxxa, huma soġġetti għar-regola ġenerali kontra l-abbuż kif stipulat fl-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 ([1]).

(15) Sabiex jiġu mtejba l-prospetti għall-effettività ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu penali kontra l-ksur ta' regoli nazzjonali li jimplimentaw din id-Direttiva. Jenħtieġ li dawn il-penali jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

(16) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u b'mod partikolari għall-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni bejn awtoritajiet tat-taxxa, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tadotta formola standard b'għadd limitat ta' komponenti, inklużi l-arranġamenti lingwistiċi. Għall-istess raġuni, jenħtieġ ukoll li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tadotta l-arranġamenti prattiċi meħtieġa għall-aġġornament tad-direttorju ċentrali dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(17) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Kwalunkwe proċessar ta' data personali mwettaq fil-qafas ta' din id-Direttiva jeħtieġ li jikkonforma mad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u mar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

(18) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(19) Ladarba l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jittejjeb il-funzjonament tas-suq intern bl-iskoraġġiment tal-użu tal-arranġamenti transkonfinali ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda pjuttost jista', minħabba l-fatt li għandu fil-mira tiegħu skemi li jiġu żviluppati biex potenzjalment jieħdu vantaġġ minn ineffiċjenzi fis-suq li joriġinaw mill-interazzjoni fost regoli tat-taxxa nazzjonali mhux ugwali, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex jinkiseb dak l-objettiv, b'mod speċjali meta jiġi kkunsidrat li huwa limitat għal arranġamenti transkonfinali li jikkonċernaw jew aktar minn Stat Membru wieħed jew xi Stat Membru u pajjiż terz.

(20) Għalhekk jenħtieġ li d-Direttiva 2011/16/UE tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 2011/16/UE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 9 huwa emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) għall-finijiet tal-Artikolu 8(1) u l-Artikoli 8a, 8aa u 8ab, il-komunikazzjoni sistematika ta' informazzjoni definita minn qabel lil Stat Membru ieħor, mingħajr talba minn qabel, f'intervalli regolari stabbiliti minn qabel. Għall-finijiet tal-Artikolu 8(1), ir-referenza għall-informazzjoni disponibbli hija relatata mal-informazzjoni fil-fajls tat-taxxa tal-Istat Membru li jikkomunika l-informazzjoni, li tista' tiġi rkuprata f'konformità mal-proċeduri dwar il-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni f'dak l-Istat Membru;";

([1]) Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 tat-12 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern (ĠU L 193, 19.7.2016, p. 1).

([2]) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

([3]) Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

([4]) Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

(ii) fl-ewwel subparagrafu, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva minbarra l-Artikolu 8(1) u (3a) u l-Artikoli 8a, 8aa u 8ab, il-komunikazzjoni sistematika ta' informazzjoni definita minn qabel ipprovduta fil-punti (a) u (b) ta' dan il-punt;";

(iii) fit-tieni subparagrafu, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Fil-kuntest tal-Artikoli 8(3a), 8(7a), u 21(2), l-Artikolu 25(2) u (3) u l-Anness IV, kwalunkwe terminu kapitalizzat għandu jkollu t-tifsira li għandu taħt id-definizzjonijiet korrispondenti stabbiliti fl-Anness I.";

(b) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"18. "arranġament transkonfinali" tfisser arranġament li jikkonċerna jew aktar minn Stat Membru wieħed jew xi Stat Membru u pajjiż terz fejn tal-inqas tkun issodisfata waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) mhux il-parteċipanti kollha fl-arranġament ikunu residenti għal finijiet tat-taxxa fl-istess ġurisdizzjoni;

(b) wieħed jew aktar mill-parteċipanti fl-arranġament ikunu simultanjament residenti għal finijiet tat-taxxa f'aktar minn ġurisdizzjoni waħda;

(c) wieħed jew aktar mill-parteċipanti fl-arranġament imexxu negozju f'ġurisdizzjoni oħra permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun jinsab f'dik il-ġurisdizzjoni u l-arranġament ikun jifforma parti jew it-totalità tan-negozju ta' dak l-istabbiliment permanenti;

(d) wieħed jew aktar mill-parteċipanti fl-arranġament iwettqu attività f'ġurisdizzjoni oħra mingħajr ma jkunu residenti għal finijiet ta' taxxa jew mingħajr ma joħolqu stabbiliment permanenti f'dik il-ġurisdizzjoni;

(e) tali arranġament ikollu impatt possibbli fuq l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni jew l-identifikazzjoni ta' sjieda benefiċjarja.

Għall-finijiet tal-punti 18 sa 25 ta' dan l-Artikolu, l-Artikolu 8ab u l-Anness IV, arranġament għandu jinkludi wkoll sensiela ta' arranġamenti. Arranġament jista' jinkludi aktar minn pass wieħed jew parti waħda.

19. "arranġament transkonfinali rapportabbli" tfisser kwalunkwe arranġament transkonfinali li jinkludi tal-inqas waħda mill-karatteristiċi distintivi stipulati fl-Anness IV.

20. "karatteristika distintiva" tfisser karatteristika jew element ta' arranġament transkonfinali li jippreżentaw indikazzjoni ta' riskju potenzjali ta' evitar tat-taxxa, kif elenkat fl-Anness IV.

21. "intermedjarju" tfisser kwalunkwe persuna li tfassal, tikkummerċjalizza, torganizza jew tagħmel disponibbli għall-implimentazzjoni jew tiġġestixxi l-implimentazzjoni ta' arranġament transkonfinali rapportabbli.

Tfisser ukoll kwalunkwe persuna li, fid-dawl tal-fatti u taċ-ċirkostanzi rilevanti u fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli u l-għarfien espert u l-fehim rilevanti meħtieġa għall-forniment ta' tali servizzi, tkun taf, jew tista' tkun raġonevolment mistennija li tkun taf li hija impenjat ruħha li tipprovdi, direttament jew permezz ta' persuni oħra, għajnuna, assistenza jew pariri rigward it-tfassil, il-kummerċjalizzazzjoni, l-organizzazzjoni, it-tqegħid għad-disponibbiltà għall-implimentazzjoni jew rigward il-ġestjoni tal-implimentazzjoni ta' arranġament transkonfinali rapportabbli. Kwalunkwe persuna għandu jkollha d-dritt li tipprovdi evidenza li tali persuna ma kinitx taf u ma setgħetx tkun raġonevolment mistennija li tkun taf li dik il-persuna kienet involuta f'arranġament transkonfinali rapportabbli. Għal dan il-fini, dik il-persuna tista' tirreferi għall-fatti u ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha kif ukoll għall-informazzjoni disponibbli u l-għarfien espert u l-fehim rilevanti tagħhom.

Sabiex tkun intermedjarju, persuna għandha tissodisfa tal-inqas waħda mill-kondizzjonijiet addizzjonali li ġejjin:

(a) tkun residenti għal finijiet tat-taxxa fi Stat Membru;

(b) ikollha stabbiliment permanenti fi Stat Membru li permezz tiegħu jiġu pprovduti s-servizzi fir-rigward tal-arranġament;

(c) tkun inkorporata fi Stat Membru jew regolata mil-liġijiet tiegħu;

(d) tkun irreġistrata ma' assoċjazzjoni professjonali relatata ma' servizzi legali, ta' tassazzjoni jew ta' konsulenza fi Stat Membru.

22. "kontribwent rilevanti" tfisser kwalunkwe persuna li jkun tqegħdilha għad-dispożizzjoni tagħha arranġament transkonfinali rapportabbli għall-implimentazzjoni, jew li hija lesta li timplimenta arranġament transkonfinali rapportabbli jew tkun implimentat l-ewwel pass ta' tali arranġament.

23. għall-finijiet ta' Artikolu 8ab, "intrapriża assoċjata" tfisser persuna li tkun relatata ma' persuna oħra f'talinqas wieħed mill-modi li ġejjin:

    (a) persuna tieħu sehem fil-ġestjoni ta' persuna oħra billi tkun f'pożizzjoni li teżerċita influwenza sinifikanti fuq il-persuna l-oħra;

    (b) persuna tieħu sehem fil-kontroll ta' persuna oħra permezz ta' parteċipazzjoni li taqbeż 25 % taddrittijiet tal-vot;

    (c) persuna tieħu sehem fil-kapital ta' persuna oħra permezz ta' dritt ta' sjieda li, direttament jew indirettament, jaqbeż 25 % tal-kapital;

    (d) persuna tkun intitolata għal 25 % jew aktar tal-profitti ta' persuna oħra.

    Jekk aktar minn persuna waħda tieħu sehem, kif imsemmi fil-punti (a) sa (d), fil-ġestjoni, il-kontroll, il-kapital jew il-profitti tal-istess persuna, il-persuni kollha kkonċernati għandhom jitqiesu bħala intrapriżi assoċjati.

    Jekk l-istess persuni jipparteċipaw, kif imsemmi fil-punti (a) sa (d), fil-ġestjoni, il-kontroll, il-kapital jew il-profitti ta' aktar minn persuna waħda, il-persuni kollha kkonċernati għandhom jitqiesu bħala intrapriżi assoċjati.

    Għall-finijiet ta' dan il-punt, persuna li taġixxi flimkien ma' persuna oħra fir-rigward tad-drittijiet tal-vot jew tas-sjieda tal-kapital ta' entità għandha tkun trattata bħala li għandha parteċipazzjoni fid-drittijiet tal-vot kollha jew fis-sjieda tal-kapital kollha ta' dik l-entità li huma miżmuma mill-persuna l-oħra.

    F'parteċipazzjonijiet indiretti, it-twettiq tar-rekwiżiti taħt il-punt (c) għandu jiġi stabbilit bil-multiplikazzjoni tar-rati ta' parteċipazzjoni tul il-livelli suċċessivi. Persuna li jkollha iżjed minn 50 % tad-drittijiet tal-vot għandha titqies li għandha 100 %.

    Individwu, il-konjuġi tiegħu u l-axxendenti jew id-dixxendenti diretti tiegħu għandhom jiġu ttrattati bħala persuna waħda.

24. "arranġament kummerċjabbli" tfisser arranġament transkonfinali li jkun imfassal, kummerċjalizzat, lest għall-implimentazzjoni jew disponibbli għall-implimentazzjoni mingħajr il-ħtieġa li jiġi personalizzat b'mod sostanzjali.

25. "arranġament imfassal għal għan speċifiku" tfisser kwalunkwe arranġament transkonfinali li mhuwiex arranġament kummerċjabbli.".

(2) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 8ab*

**Kamp ta' applikazzjoni u kondizzjonijiet għall-iskambju awtomatiku obbligatorju ta' informazzjoni dwar arranġamenti transkonfinali rapportabbli**

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jirrikjedi li intermedjarji jippreżentaw informazzjoni li jkollhom għarfien tagħha, jew tkun fil-pussess tagħhom jew taħt il-kontroll tagħhom dwar arranġamenti transkonfinali rapportabbli lill-awtoritajiet kompetenti fi żmien 30 jum minn:

(a) il-jum wara li l-arranġament transkonfinali rapportabbli jkun sar disponibbli għall-implimentazzjoni; jew

(b) il-jum wara li l-arranġament transkonfinali rapportabbli jkun lest għall-implimentazzjoni; jew

(c) meta jkun sar l-ewwel pass fl-implimentazzjoni tal-arranġament transkonfinali rapportabbli,

skont liem minn dawn iseħħ l-ewwel.

Minkejja l-ewwel subparagrafu, l-intermedjarji msemmijin fit-tieni paragrafu tal-punt 21 tal-Artikolu 3 għandhom ukoll ikunu meħtieġa jippreżentaw informazzjoni fi żmien 30 jum mill-jum wara li jingħataw, direttament jew permezz ta' persuni oħrajn, għajnuna, assistenza jew pariri.

2. Fil-każ ta' arranġamenti kummerċjabbli, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jirrikjedu li jsir rapport perjodiku mill-intermedjarju kull 3 xhur li jagħti aġġornament li jkun fih informazzjoni rapportabbli ġdida kif imsemmi fil-punti (a), (d), (g) u (h) tal-paragrafu 14, li tkun saret disponibbli minn mindu ġie ppreżentat l-aħħar rapport.

3. Fejn l-intermedjarju jkun responsabbli li jippreżenta informazzjoni dwar arranġamenti transkonfinali rapportabbli lill-awtoritajiet kompetenti ta' aktar minn Stat Membru wieħed, din l-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata biss fl-Istat Membru li jidher l-ewwel fil-lista hawn taħt:

(a) l-Istat Membru fejn l-intermedjarju jkun residenti għal finijiet ta' taxxa;

(b) l-Istat Membru fejn l-intermedjarju jkollu stabbiliment permanenti li permezz tiegħu jingħataw is-servizzi marbutin mal-arranġament;

(c) l-Istat Membru fejn l-intermedjarju jkun inkorporat jew regolat mil-liġijiet tiegħu;

(d) l-Istat Membru fejn l-intermedjarju jkun reġistrat ma' assoċjazzjoni professjonali marbuta ma' servizzi legali, ta' tassazzjoni jew ta' konsulenza.

4. Fejn, skont il-paragrafu 3, ikun hemm obbligu ta' rappurtar multiplu, l-intermedjarju għandu jiġi eżentat mill-preżentazzjoni tal-informazzjoni jekk ikollu prova, skont il-liġi nazzjonali, li l-istess informazzjoni tkun ġiet ippreżentat fi Stat Membru ieħor.

5. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jagħti lill-intermedjarji d-dritt ta' rinunzja mill-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar arranġament transkonfinali rapportabbli fejn l-obbligu ta' rappurtar jikser il-privileġġ professjonali legali skont il-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat Membru. F'tali ċirkostanzi, kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jirrikjedi lill-intermedjarji jinnotifikaw, mingħajr dewmien, kwalunkwe intermedjarju ieħor jew, jekk ma jkun hemm ebda tali intermedjarju, lill-kontribwent rilevanti dwar l-obbligi tagħhom ta' rappurtar taħt il-paragrafu 6.

L-intermedjarji jistgħu jkunu intitolati għal rinunzja taħt l-ewwel subparagrafu biss sa fejn huma jkunu joperaw fil-limiti tal-liġijiet nazzjonali rilevanti li jiddefinixxu l-professjonijiet tagħhom.

6. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jirrikjedi li, fejn ma jkun hemm ebda intermedjarju jew l-intermedjarju jinnotifika lill-kontribwent rilevanti jew intermedjarju ieħor dwar l-applikazzjoni ta' rinunzja taħt il-paragrafu 5, l-obbligu li tiġi ppreżentata informazzjoni dwar arranġament transkonfinali rapportabbli jkun tal-intermedjarju notifikat l-ieħor, jew, jekk ma jkun hemm ebda tali intermedjarju, tal-kontribwent rilevanti.

7. Il-kontribwent rilevanti li jkollu l-obbligu ta' rappurtar għandu jippreżenta l-informazzjoni fi żmien 30 jum, mill-jum wara li l-arranġament transkonfinali rapportabbli jsir disponibbli għall-implimentazzjoni lil dak il-kontribwent rilevanti, jew ikun lest għall-implimentazzjoni mill-kontribwent rilevanti, jew meta jkun sar l-ewwel pass fl-implimentazzjoni tiegħu b'rabta mal-kontribwent rilevanti, skont liema minn dawn iseħħ l-ewwel.

Fejn il-kontribwent rilevanti jkollu obbligu li jippreżenta informazzjoni dwar l-arranġament transkonfinali rapportabbli lill-awtoritajiet kompetenti ta' aktar minn Stat Membru wieħed, din l-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata biss lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li jidher l-ewwel fil-lista hawn taħt:

(a) l-Istat Membru fejn il-kontribwent rilevanti jkun residenti għal finijiet ta' taxxa;

(b) l-Istat Membru fejn il-kontribwent rilevanti jkollu stabbiliment permanenti li jibbenefika mill-arranġament;

(c) l-Istat Membru fejn il-kontribwent rilevanti jirċievi introjtu jew jiġġenera qligħ, għalkemm il-kontribwent rilevanti ma jkun residenti għal finijiet ta' taxxa u ma jkollu stabbiliment permanenti f'ebda Stat Membru;

(d) l-Istat Membru fejn il-kontribwent rilevanti jwettaq attività, għalkemm il-kontribwent rilevanti ma jkun residenti għal finijiet ta' taxxa u ma jkollu stabbiliment permanenti f'ebda Stat Membru.

8. Fejn, skont il-paragrafu 7, ikun hemm obbligu ta' rappurtar multiplu, il-kontribwent rilevanti għandu jiġi eżentat mill-preżentazzjoni tal-informazzjoni jekk ikollu prova, skont il-liġi nazzjonali, li l-istess informazzjoni tkun ġiet ippreżentata fi Stat Membru ieħor.

9. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jirrikjedi li, fejn ikun hemm aktar minn intermedjarju wieħed, l-obbligu li tiġi ppreżentata informazzjoni dwar l-arranġament transkonfinali rapportabbli jkun tal-intermedjarji kollha involuti fl-istess arranġament transkonfinali rapportabbli.

Intermedjarju għandu jiġi eżentat milli jippreżenta l-informazzjoni biss sa fejn ikollu prova, skont il-liġi nazzjonali, li l-istess informazzjoni msemmija fil-paragrafu 14 tkun diġà ġiet ippreżentata minn intermedjarju ieħor.

10. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jirrikjedi li, fejn l-obbligu ta' rappurtar ikun tal-kontribwent rilevanti u fejn ikun hemm aktar minn kontribwent rilevanti wieħed, il-kontribwent rilevanti li għandu jippreżenta l-informazzjoni skont il-paragrafu 6 jkun dak li jidher l-ewwel fil-lista hawn taħt:

(a) il-kontribwent rilevanti li ftiehem l-arranġament transkonfinali rapportabbli mal-intermedjarju;

(b) il-kontribwent rilevanti li jimmaniġġa l-implimentazzjoni tal-arranġament.

Kontribwent rilevanti għandu jiġi eżentat milli jippreżenta l-informazzjoni biss sa fejn ikollu prova, skont il-liġi nazzjonali, li l-istess informazzjoni msemmija fil-paragrafu 14 tkun diġà ġiet ippreżentata minn kontribwent rilevanti ieħor.

11. Kull Stat Membru jista' jieħu l-miżuri meħtieġa biex jirrikjedi li kull kontribwent rilevanti jippreżenta informazzjoni dwar l-użu tiegħu tal-arranġament lill-amministrazzjoni tat-taxxa f'kull waħda mis-snin li għalihom jużah.

12. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jirrikjedi li l-intermedjarji u l-kontribwenti rilevanti jippreżentaw informazzjoni dwar l-arranġamenti transkonfinali rapportabbli li l-ewwel pass tagħhom ikun ġie implimentat qabel id-data tad-dħul fis-seħħ u d-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. L-intermedjarji u l-kontribwenti rilevanti, skont kif meħtieġ, għandhom jippreżentaw l-informazzjoni dwar dawk l-arranġamenti transkonfinali rapportabbli sal-31 ta' Awwissu 2020.

13. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru fejn ġiet ippreżentata l-informazzjoni skont il-paragrafi 1 sa 12 ta' dan l-Artikolu għandha, permezz ta' skambju awtomatiku, tikkomunika l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafu 14 ta' dan l-Artikolu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra kollha, f'konformità mal-arranġamenti prattiċi adottati skont l-Artikolu 21.

14. L-informazzjoni li trid tiġi kkomunikata mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru taħt il-paragrafu 13 għandha tinkludi dan li ġej, kif applikabbli:

(a) l-identifikazzjoni ta' intermedjarji u kontribwenti rilevanti, inklużi isimhom, id-data u l-post tat-twelid tagħhom (fil-każ ta' individwu), ir-residenza tagħhom għal finijiet ta' taxxa, it-TIN tagħhom u, fejn xieraq, il-persuni li huma intrapriżi assoċjati għall-kontribwent rilevanti;

(b) id-dettalji tal-karatteristiċi distintivi stipulati fl-Anness IV li permezz tagħhom l-arranġamenti transkonfinali jkun rapportabbli;

(c) ġabra fil-qosor tal-kontenut tal-arranġament transkonfinali rapportabbli, inkluża referenza għall-isem li bih ġeneralment ikun magħruf, jekk ikun hemm, u deskrizzjoni f'termini astratti tal-attivitajiet jew l-arranġamenti ta' negozju rilevanti, mingħajr ma jiġi żvelat xi sigriet kummerċjali, industrijali jew professjonali, jew xi proċess kummerċjali, jew xi informazzjoni li l-iżvelar tagħha jmur kontra l-ordni pubbliku;

(d) id-data li fiha jkun sar jew ikun ser isir l-ewwel pass fl-implimentazzjoni tal-arranġament transkonfinali rapportabbli;

(e) dettalji tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jifformaw il-bażi tal-arranġament transkonfinali rapportabbli;

(f) il-valur tal-arranġament transkonfinali rapportabbli;

(g) l-identifikazzjoni tal-Istat Membru tal-kontribwent(i) rilevanti u kwalunkwe Stat Membru ieħor li x'aktarx ikun ikkonċernat mill-arranġament transkonfinali rapportabbli;

(h) l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe persuna oħra fl-Istat Membru li x'aktarx tintlaqat mill-arranġament transkonfinali rapportabbli, fejn għandu jiġi indikat ma' liema Stati Membri hi marbuta tali persuna.

15. Il-fatt li amministrazzjoni fiskali ma tirreaġixxix għal arranġament transkonfinali rapportabbli ma għandu jimplika ebda aċċettazzjoni tal-validità jew it-trattament ta' taxxa ta' dak l-arranġament.

16. Biex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 13 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta l-arranġamenti prattiċi meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, inklużi miżuri biex tiġi standardizzata l-komunikazzjoni tal-informazzjoni stipulata fil-paragrafu 14 ta' dan l-Artikolu, bħala parti mill-proċedura għall-istabbiliment tal-formola standard prevista fl-Artikolu 20(5).

17. Il-Kummissjoni ma għandux ikollha aċċess għall-informazzjoni msemmija fil-punti (a), (c) u (h) tal-paragrafu 14.

18. L-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni għandu jseħħ fi żmien xahar minn tmiem il-perijodu ta' tliet xhur li fih tkun ġiet ippreżentata l-informazzjoni. L-ewwel informazzjoni għandha tiġi kkomunikata sal-31 ta' Ottubru 2020.".

(3) fl-Artikolu 20, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-Kummissjoni għandha tadotta formoli standard, inklużi l-arranġamenti lingwistiċi, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 26(2), fil-każijiet li ġejjin:

(a) għall-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar deċiżjonijiet transkonfinali antiċipati u arranġamenti preliminari ta' prezzijiet skont l-Artikolu 8a qabel l-1 ta' Jannar 2017;

(b) għall-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar arranġamenti transkonfinali rapportabbli skont l-Artikolu 8ab qabel it-30 ta' Ġunju 2019.

Dawk il-formoli standard ma għandhomx jeċċedu l-komponenti għall-iskambju ta' informazzjoni elenkati fl-Artikoli 8a(6) u 8ab(14), u tali oqsma relatati oħra li huma konnessi ma' dawn il-komponenti li huma meħtieġa biex jinkisbu l-għanijiet tal-Artikolu 8a u 8ab rispettivament.

L-arranġamenti lingwistiċi msemmija fl-ewwel subparagrafu ma għandhomx jipprekludu lill-Istati Membri milli jikkomunikaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 8a u 8ab bi kwalunkwe waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni. Madankollu, dawk l-arranġamenti lingwistiċi jistgħu jipprevedu li l-elementi ewlenin ta' tali informazzjoni għandhom jintbagħtu wkoll b'lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni.".

(4) fl-Artikolu 21, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2017, tiżviluppa, u tipprovdi appoġġ tekniku u loġistiku għal, direttorju ċentrali sikur tal-Istati Membri dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni fejn l-informazzjoni li trid tiġi kkomunikata fil-qafas tal-Artikolu 8a(1) u (2) għandha tiġi rreġistrata sabiex jiġi ssodisfat l-iskambju awtomatiku previst f'dawk il-paragrafi.

Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2019, tiżviluppa, u tipprovdi appoġġ tekniku u loġistiku għal, direttorju ċentrali sikur tal-Istati Membri dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni fejn l-informazzjoni li trid tiġi kkomunikata fil-qafas tal-Artikolu 8ab(13), (14) u (16) għandha tiġi rreġistrata sabiex jiġi ssodisfat l-iskambju awtomatiku previst f'dawk il-paragrafi.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni rreġistrata f'dak id-direttorju. Il-Kummissjoni għandu jkollha wkoll aċċess għall-informazzjoni rreġistrata f'dak id-direttorju, iżda fil-limitazzjonijiet stipulati fl-Artikolu 8a(8) u 8ab(17). L-arranġamenti prattiċi meħtieġa għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 26(2).

Sa meta dak id-direttorju ċentrali sikur isir operattiv, l-iskambju awtomatiku previst fl-Artikolu 8a(1) u (2) u fl-Artikolu 8ab(13), (14) u (16) għandu jitwettaq f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-arranġamenti prattiċi applikabbli.".

(5) fl-Artikolu 23, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw valutazzjoni annwali lill-Kummissjoni dwar l-effettività tal-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni msemmi fl-Artikoli 8, 8a, 8aa u 8ab kif ukoll ir-riżultati prattiċi miksuba. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta l-forma u l-kondizzjonijiet tal-komunikazzjoni għal dik il-valutazzjoni annwali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 26(2).".

(6) l-Artikolu 25a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 25a*

**Pieni**

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u dwar l-Artikoli 8aa u 8ab, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.".

(7) l-Artikolu 27 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 27*

**Rappurtar**

1. Kull ħames snin wara l-1 ta' Jannar 2013, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

2. Kull sentejn wara l-1 ta' Lulju 2020, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jevalwaw ir-rilevanza tal-Anness IV u l-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Kunsill. Dan ir-rapport għandu, fejn ikun il-każ, jiġi akkumpanjat minn proposta leġislattiva.".

(8) jiżdied l-Anness IV, li t-test tiegħu jinsab fl-Anness għal din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2019, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jinformaw immedjatament lill-Kummissjoni dwar dan.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Lulju 2020.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, huma għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali referenza fil-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-mod kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-leġislazzjoni nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Mejju 2018.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

V. GORANOV

*ANNESS*

*"ANNESS IV*

**KARATTERISTIĊI DISTINTIVI**

Part I. Il-kriterju tal-benefiċċju prinċipali

Il-karatteristiċi distintivi ġeneriċi fil-kategorija A u karatteristiċi distintivi speċifiċi taħt il-kategorija B u taħt il-punti (b)(i), (c) u (d) tal-paragrafu 1 tal-kategorija C jistgħu jitqiesu biss meta jissodisfaw "il-kriterju tal-benefiċċju prinċipali".

Dak il-kriterju ikun issodisfat jekk jista' jiġi stabbilit li l-benefiċċju prinċipali jew wieħed mill-benefiċċji prinċipali li, b'kont meħud tal-fatti u ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, persuna tista' b'mod raġonevoli tistenna li tikseb minn dan l-arranġament huwa l-kisba ta' vantaġġ ta' taxxa.

Fil-kuntest tal-karatteristika distintiva taħt il-paragrafu 1 tal-kategorija C, il-preżenza ta' kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti (b)(i), (c) jew (d) tal-paragrafu 1 tal-kategorija C ma tistax waħedha tkun raġuni sabiex jiġi konkluż li arranġament jissodisfa l-kriterju tal-benefiċċju prinċipali.

Part II. Kategoriji ta' karatteristiċi distintivi

A. Karatteristiċi distintivi ġeneriċi relatati mal-kriterju tal-benefiċċju prinċipali

1. Arranġament fejn il-kontribwent rilevanti jew parteċipant fl-arranġament jintrabtu li jikkonformaw ma' kondizzjoni ta' kunfidenzjalità li tista' tirrikjedi li ma jiżvelawx kif l-arranġament jista' jikseb vantaġġ ta' taxxa fil-konfront ta' intermedjarji oħra jew tal-awtoritajiet tat-taxxa.

2. Arranġament fejn l-intermedjarju jkun intitolat li jirċievi ħlas (jew imgħax, rimunerazzjoni għall-kostijiet finanzjarji u għal spejjeż oħra) għall-arranġament u fejn dak il-ħlas ikun stabbilit b'referenza għal:

   (a) l-ammont tal-vantaġġ ta' taxxa miksub mill-arranġament; jew

   (b) jekk vantaġġ ta' taxxa jinkisibx jew le mill-arranġament. Dan ikun jinkludi obbligu fuq l-intermedjarju ta' rifużjoni parzjali jew sħiħa tal-ħlas jekk il-vantaġġ ta' taxxa maħsub, miksub mill-arranġament, ma nkisibx parzjalment jew sħiħ.

3. Arranġament li jkollu dokumentazzjoni u/jew struttura sostanzjalment standardizzati u huwa disponibbli għal aktar minn kontribwent wieħed rilevanti mingħajr il-ħtieġa li jiġi sostanzjalment addattat għall-implimentazzjoni.

B. Karatteristiċi distintivi speċifiċi relatati mal-kriterju tal-benefiċċju prinċipali

1. Arranġament li permezz tiegħu parteċipant f'arranġament jieħu passi artifiċjali li jikkonsistu fil-kisba ta' kumpannija li tagħmel it-telf, il-waqfien tal-attività prinċipali tat-tali kumpannija u l-użu tat-telf tagħha sabiex titnaqqas l-obbligazzjoni tat-taxxa tagħha, inkluż permezz ta' trasferiment ta' dak it-telf lil ġurisdizzjoni oħra jew permezz tal-aċċelerazzjoni fl-użu ta' dak it-telf.

2. Arranġament li għandu l-effett li jikkonverti l-introjtu f'kapital, donazzjonijiet jew kategoriji oħra ta' dħul li jkunu ntaxxati f'livell aktar baxx.

3. Arranġament li jinkludi transazzjonijiet ċirkolari (circular transactions) li jirriżultaw fir-round-tripping ta' fondi, b'mod partikolari bl-involviment ta' entitajiet intermedjarji mingħajr l-ebda funzjoni jew transazzjoni kummerċjali primarja oħra li jikkumpensaw jew jikkanċellaw lil xulxin jew li għandhom karatteristiċi simili oħra.

C. Karatteristiċi distintivi speċifiċi relatati mat-transazzjonijiet transkonfinali

1. Arranġament li jinvolvi arranġamenti transkonfinali li jistgħu jitnaqqsu magħmula bejn żewġ intrapriżi assoċjati jew aktar fejn isseħħ mill-inqas waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

   (a) ir-riċevitur mhuwiex residenti għal finijiet ta' taxxa f'xi ġurisdizzjoni tat-taxxa;

   (b) għalkemm ir-riċevitur huwa residenti f'ġurisdizzjoni għal finijiet ta' taxxa, dik il-ġurisdizzjoni:

      (i) ma timponi l-ebda taxxa korporattiva jew timponi taxxa korporattiva bir-rata ta' żero jew kważi żero; jew

      (ii) tiġi inkluża f'lista ta' ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi li ġew ivvalutati mill-Istati Membri b'mod kollettiv jew fi ħdan il-qafas tal-OECD bħala li ma jikkooperawx;

(c) il-pagament jibbenefika minn eżenzjoni sħiħa mit-taxxa fil-ġurisdizzjoni fejn ir-riċevitur huwa residenti għal finijiet ta' taxxa;

(d) il-pagament jibbenefika minn sistema tat-taxxa preferenzjali f'ġurisdizzjoni fejn ir-riċevitur huwa residenti għal finijiet ta' taxxa;

2. It-tnaqqis għall-istess d-deprezzament fuq l-assi jintalab f'aktar minn ġurisdizzjoni waħda.

3. Ikun iddikjarat ħelsien mit-tassazzjoni doppja fir-rigward tal-istess element ta' introjtu jew kapital f'aktar minn ġurisdizzjoni waħda.

4. Hemm arranġament li jinkludi t-trasferimenti ta' assi u fejn hemm differenza materjali fl-ammont li qed jiġi trattat bħala pagabbli, b'kunsiderazzjoni tal-assi f'dawk il-ġurisdizzjonijiet involuti.

D. Karatteristiċi distintivi speċifiċi dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni u dwar is-sidien benefiċjarji

1. Arranġament li jista' jkollu l-effett li jdgħajjef l-obbligu ta' rappurtar taħt il-liġijiet li jimplimentaw il-leġislazzjoni tal-Unjoni jew kwalunkwe ftehimiet ekwivalenti dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar Kontijiet Finanzjarji, inklużi ftehimiet ma' pajjiżi terzi, jew li jieħu vantaġġ min-nuqqas ta' leġislazzjoni jew ftehimiet bħal dawn. Dawn l-arranġamenti jinkludu mill-inqas dan li ġej:

(a) l-użu ta' kont, prodott jew investiment li ma jkunx, jew maħsub li mhuwiex, Kont Finanzjarju, iżda jkollu karatteristiċi li huma sostanzjalment simili għal dawk ta' Kont Finanzjarju;

(b) it-trasferiment ta' Kontijiet Finanzjarji jew assi, jew l-użu ta' ġurisdizzjonijiet li mhumiex marbuta bl-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar Kontijiet Finanzjarji mal-Istat ta' residenza tal-kontribwent rilevanti;

(c) il-klassifikazzjoni mill-ġdid ta' introjtu u kapital fi prodotti jew pagamenti li mhumiex soġġetti għall-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar Kontijiet Finanzjarji;

(d) it-trasferiment jew il-konverżjoni ta' Istituzzjoni Finanzjarja jew Kont Finanzjarju jew l-assi tagħhom f'Istituzzjoni Finanzjarja jew Kont Finanzjarju jew assi mhux soġġetti għal rappurtar skont l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar Kontijiet Finanzjarji;

(e) l-użu ta' entitajiet ġuridiċi, arranġamenti jew strutturi li jeliminaw jew maħsuba li jeliminaw ir-rappurtar ta' wieħed jew aktar Detenturi ta' Kont jew Persuni Kontrollanti permezz tal-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar Kontijiet Finanzjarji;

(f) arranġamenti li jdgħajfu, jew jisfruttaw id-dgħufijiet fi, il-proċeduri ta' diliġenza dovuta użati minn Istituzzjonijiet Finanzjarji biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom li jirrappurtaw informazzjoni dwar Kontijiet Finanzjarji, inkluż l-użu ta' ġurisdizzjonijiet b'sistemi inadegwati jew dgħajfa tal-infurzar ta' leġislazzjoni kontra l-ħasil tal-flus jew b'rekwiżiti ta' trasparenza dgħajfa għal persuni ġuridiċi jew arranġamenti ġuridiċi.

2. Arranġament li jinvolvi katina ta' sidien ġuridiċi jew benefiċjarji mhux trasparenti bl-użu ta' persuni, arranġamenti jew strutturi ġuridiċi:

(a) li ma jwettqux attività ekonomika sostantiva bis-sostenn ta' persunal, tagħmir, assi u bini adegwati; u

(b) li huma inkorporati, ġestiti, residenti, ikkontrollati jew stabbiliti f'ġurisdizzjoni differenti minn dik il-ġurisdizzjoni tar-residenza ta' wieħed jew aktar sidien benefiċjarji tal-assi miżmuma minn dawn il-persuni, arranġamenti jew strutturi ġuridiċi; u

(c) fejn is-sidien benefiċjarji ta' tali persuni, arranġamenti jew strutturi ġuridiċi, kif definit fid-Direttiva (UE) 2015/849, isiru mhux identifikabbli.

E. Karatteristiċi distintivi dwar il-prezzijiet ta' trasferiment

1. Arranġament li jinvolvi l-użu ta' regoli dwar protezzjoni unilaterali.

2. Arranġament li jinvolvi t-trasferiment ta' assi intanġibbli mhux faċilment stimabbli. It-terminu 'assi intanġibbli mhux faċilment stimabbli' jkopri intanġibbli jew drittijiet fl-intanġibbli li għalihom, fil-mument tat-trasferiment tagħhom bejn intrapriżi assoċjati:

(a) ma jeżistu l-ebda prodotti simili affidabbli; u

(b) fiż-żmien meta saret it-transazzjoni, il-projezzjonijiet ta' flussi futuri ta' flus jew introjtu mistennija li jiġu mill-intanġibbli ttrasferit, jew is-suppożizzjonijiet użati fil-valutazzjoni tal-intanġibbli huma inċerti ħafna, u b'hekk huwa diffiċli li jitbassar il-livell ta' suċċess aħħari tal-intanġibbli fil-mument tat-trasferiment.

3. Arranġament li jinvolvi trasferiment tal-funzjonijiet transkonfinali intragrupp sinifikanti u/jew riskji u/jew assi, jekk il-qligħ annwali proġettat qabel l-imgħax u t-taxxi (EBIT), matul il-perijodu ta' tliet snin wara t-trasferiment, tat-trasferent jew trasferenti, huwa anqas minn 50 % tal-EBIT annwali proġettat ta' tali trasferent jew trasferenti jekk it-trasferiment ma kienx sar."

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/823

**tal-4 ta' Ġunju 2018**

**li jtemm ir-rieżami interim parzjali tal-miżuri kompensatorji applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti troti qawsalla li joriġinaw mir-Repubblika tat-Turkija**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 19(4) tiegħu,

Billi:

### 1. **PROĊEDURA**

#### 1.1. **Miżuri fis-seħħ**

(1) Wara investigazzjoni antisussidji ("l-investigazzjoni oriġinali"), il-Kummissjoni imponiet, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/309 ([2]), dazji kompensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti troti qawsalla li joriġinaw mit-Turkija ("il-miżuri fis-seħħ").

#### 1.2. **Talba ta' rieżami interim parzjali**

(2) Fit-13 ta' Marzu 2017, l-Assoċjazzjoni tal-Esportaturi tal-Eġew ("l-applikant"), ippreżentat talba għal rieżami interim parzjali tal-miżuri kompensatorji.

(3) It-talba pprovdiet evidenza li bidla fl-implimentazzjoni ta' sussidji diretti għall-produzzjoni li ġiet introdotta fl-2016 irriżultat fi tnaqqis sostanzjali fil-livell ta' sussidji lill-produtturi tat-troti fit-Turkija u għalhekk, li l-miżuri ma kienux aktar meħtieġa biex jikkumpensaw għas-sussidjar. L-applikant argumenta wkoll li dik il-bidla kienet ta' natura dejjiema. Għalhekk, skont ir-rikorrenti, il-miżuri fis-seħħ għandhom jiġu riveduti.

#### 1.3. **Bidu ta' rieżami interim parzjali**

(4) Wara li stabbilixxiet li kien hemm evidenza biżżejjed għall-bidu ta' rieżami interim parzjali, fl-20 ta' Lulju 2017 il-Kummissjoni ħabbret, permezz ta' notifika ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ("in-Notifika tal-Bidu") ([3]) il-bidu ta' rieżami interim parzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea(ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/309 tas-26 ta' Frar 2015 li jimponi dazju kompensatorju definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti troti qawsalla li joriġinaw mit-Turkija (ĠU L 56, 27.2.2015, p. 12).

([3]) Notifika ta' bidu ta' rieżami interim parzjali tal-miżuri kumpensatorji applikabbli għal importazzjonijiet ta' ċertu trota qawsalla li joriġinaw mit-Turkija (ĠU C 234, 20.7.2017, p. 6).

### 1.4. **Il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami**

(5) Il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami kopra l-perjodu mill-1 ta' Lulju 2016 sat-30 ta' Ġunju 2017. Sabiex jiġi valutat jekk kienx hemm tnaqqis fis-sussidjar ta' produtturi ta' troti mill-investigazzjoni oriġinali, u jekk il-bidla kenitx ta' natura dejjiema, il-Kummissjoni analizzat ukoll l-evoluzzjoni tal-ammonti ġenerali ta' sussudji mogħtija mit-Turkija lil produtturi ta' troti mill-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali (mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2013).

### 1.5. **Il-partijiet ikkonċernati mill-investigazzjoni**

(6) Il-Kummissjoni avżat lill-applikant, lill-produtturi esportaturi magħrufa fit-Turkija, lill-produtturi tal-Unjoni, lill-utenti u lill-operaturi tas-suq li kienu magħrufa li huma kkonċernati, l-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-produtturi tal-Unjoni u lill-awtoritajiet Torok bil-bidu tar-rieżami interim parzjali.

(7) Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jagħtu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u biex jitolbu smigħ fil-limitu taż-żmien stabbilit fin-notifika ta' bidu.

(8) Żewġ partijiet interessati għamlu sottomissjoni li tiddefendi l-ħtieġa li jinżammu l-miżuri fis-seħħ. Parti waħda, l-Assoċjazzjoni Daniża tal-Akkwakultura (li tirrappreżenta l-ilmentatur fl-investigazzjoni oriġinali) kienet tal-fehma li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku ma kinux sodisfatti. Hija sostniet li l-informazzjoni li tinsab fit-talba kienet inkompluta u pprovdiet stampa mhux eżatta tas-sussidji għall-produtturi tat-troti fit-Turkija u li l-bidliet introdotti mit-Turkija ma setgħux jitqiesu bħala li għandhom "natura dejjiema". It-tieni parti, assoċjazzjoni Spanjola tal-akkwakultura, argumentat ukoll li l-miżuri kompensatorji kellhom jinżammu, u argumentat li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mit-Turkija huma aktar baxxi mill-prezzijiet tal-produtturi tat-troti tal-Unjoni.

### 1.6. **Kampjunar ta' produtturi esportaturi fit-Turkija**

(9) Minħabba li hemm għadd kbir ta' produtturi esportaturi, il-Kummissjoni ddikjarat, fin-Notifika ta' Bidu, li hija tista' tieħu kampjun ta' produtturi esportaturi, f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament bażiku.

(10) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi magħrufa kollha fit-Turkija sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni staqsiet lill-missjoni tar-Repubblika tat-Turkija għall-Unjoni Ewropea sabiex tidentifika u/jew tikkuntattja lil produtturi esportaturi oħrajn, jekk ikun hemm, li jistgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni. B'kollox, l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu intbagħtet lil iktar minn sebgħin kumpaniji fit-Turkija.

(11) Seba' u għoxrin produttur esportatur ipprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. Skont l-Artikolu 27(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun proviżorju ta' ħames produtturi esportaturi/gruppi ta' produtturi, li inkluda tliet produtturi esportaturi/gruppi ta' produtturi li għandhom l-ikbar volum ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni u żewġ produtturi esportaturi/gruppi ta' produtturi. Il-Kummissjoni qieset li l-kampjun propost huwa rappreżentattiv.

(12) Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jagħtu l-kummenti tagħhom dwar dan il-kampjun proviżorju. Żewġ gruppi ta' produtturi esportaturi, KLC Group u Sagun Group, talbu li jiġu inklużi fil-kampjun. Minħabba d-daqs kbir tal-esportazzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni ddeċidiet li żżid lill-KLC Group mal-kampjun sabiex teżamina bir-reqqa l-effetti tal-iskema modifikata dwar is-settur. Madankollu, fid-dawl taż-żmien limitat disponibbli għall-investigazzjoni, il-Kummissjoni ddeċidiet li tirrifjuta t-talba għall-inklużjoni fil-kampjun mis-Sagun Group ([1]).

(13) Għalhekk il-kampjun finali kien jikkonsisti minn dawn il-produtturi esportaturi/gruppi ta' produtturi esportaturi u l-kumpanniji relatati tagħhom:

— ADA SU Group;

— ALIMA Group;

— GMS Group;

— KLC Group;

— Mittos Su Ürünleri;

— Özpekler Group.

([1]) Id-daqs ta' esportazzjonijiet tal-Group Sagun lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami (RIP - review investigation period) kienet tirrappreżenta madwar terz tal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni mill-KLC Group.

(14) Il-kampjun finali kien jirrappreżenta madwar 71 % tal-volum tal-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi rieżaminat esportat lejn l-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Il-Kummissjoni kkunsidrat li dan kien rappreżentattiv u li jippermettilha tanalizza b'mod xieraq l-effetti tal-bidliet mit-Turkija fuq il-kumpaniji kollha f'dak is-settur.

### 1.7. **Kwestjonarji u żjarat ta' verifika**

(15) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset meħtieġa biex tevalwa l-impatt tal-bidla fl-implimentazzjoni tal-iskema ta' sussidji diretti introdotti mit-Turkija.

(16) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lis-sitt produtturi esportaturi/gruppi ta' produtturi fil-kampjun, u lit-Turkija. Mingħand dawk il-partijiet kollha waslu tweġibiet sħaħ għall-kwestjonarju.

(17) Il-Kummissjoni wettqet verifiki fil-bini ta' grupp ta' wieħed mill-gruppi ta' produtturi esportaturi fil-kampjun, jiġifieri Alima Group. Il-Kummissjoni wettqet ukoll żjara ta' verifika fil-bini tal-awtoritajiet Torok. Fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqa fil-Kapitolu 4.3.4, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma żżurx kumpaniji li jifdal fil-kampjun.

### 1.8. **Divulgazzjoni**

(18) Fil-21 ta' Frar 2018, il-Kummissjoni żvelat lill-partijiet interessati kollha l-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali tal-investigazzjoni u stednithom jissottomettu kummenti bil-miktub u/jew jitolbu seduta mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fi proċeduri kummerċjali sa mhux aktar tard mit-18 ta' Marzu 2018.

(19) It-Turkija, l-applikant, l-erba' produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun u l-Assoċjazzjoni Daniża tal-Akkwakultura issottomettew kummenti wara l-iżvelar. Fit-23 ta' Marzu 2018 saret seduta ta' smigħ bejn il-Kummissjoni, it-Turkija u l-applikant. Fis-16 ta' April 2018 saret seduta ta' smigħ bejn il-Kummissjoni u l-Assoċjazzjoni Daniża tal-Akkwakultura.

## 2. **IL-PRODOTT TAĦT RIEŻAMI U L-PRODOTT SIMILI**

(20) Il-prodott taħt rieżami huwa t-trota qawsalla (*Oncorhynchus mykiss*):

— li kull waħda tiżen ħajja 1,2 kg jew anqas, jew

— friska, imkessħa, iffriżata u/jew affumikata:

— fil-forma ta' ħuta sħiħa (bir-ras), bil-garġi mneħħija jew le, kemm jekk imnaddfa jew le, li tiżen 1,2 kg jew anqas kull waħda, jew

— bla ras, bil-garġi mneħħija jew le, kemm jekk imnaddfa jew le, li tiżen 1 kg jew anqas kull waħda, jew

— fil-forma ta' flettijiet li jiżnu 400 g jew anqas kull waħda,

li toriġina mit-Turkija u li fil-preżent taqa' taħt il-kodiċijiet NM ex 0301 91 90, ex 0302 11 80, ex 0303 14 90, ex 0304 42 90, ex 0304 82 90 u ex 0305 43 00 (il-kodiċi TARIC 0301 91 90 11, 0302 11 80 11, 0303 14 90 11, 0304 42 90 10, 0304 82 90 10 u 0305 43 00 11) ("il-prodott taħt rieżami").

(21) Il-Kummissjoni kkonkludiet fl-investigazzjoni oriġinali li l-prodotti manifatturati fl-Unjoni u l-prodotti manifatturati fit-Turkija huma prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 2(c) tar-Regolament bażiku.

## 3. **IS-SUSSIDJI KKUMPENSATI FL-INVESTIGAZZJONI ORIĠINALI**

(22) Fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni eżaminat għadd ta' miżuri li minnhom il-produtturi esportaturi Torok tat-troti bbenefikaw jew setgħu ibbenefikaw matul il-perijodu oriġinali ta' investigazzjoni (s-sena 2013) (ara l-premessa 37 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1195/2014 ([1]) li jimponi dazji kumpensatorji proviżorji).

(23) Is-sussidji prinċipali li minnhom ibbenefikaw il-produtturi Torok tat-troti matul il-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali kienu sussidji diretti mogħtija lill-produtturi tat-troti kollha għal kull kg ta' prodott u li jvarjaw minn 7 % sa 9,6 %. Barra minn hekk, tnejn mill-kumpaniji inklużi fil-kampjun fl-investigazzjoni oriġinali bbenefikaw minn self sussidjat. L-ammont ta' sussidju permezz ta' self issussidjat misjub mill-Kummissjoni kien ta' 0,1 % għal waħda mill-kumpaniji (Kilic) u ta' 0,3 % għal kumpanija oħra (Özpekler).

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1195/2014 tad-29 ta' Ottubru 2014 li jimponi dazju kumpensatorju provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti troti qawsalla li joriġinaw mit-Turkija (ĠU L 319, 6.11.2014, p. 1).

(24) Il-Kummissjoni sabet li l-benefiċċji tal-miżuri l-oħra kollha ta' sussidju investigati fl-investigazzjoni oriġinali kienu xejn jew negliġibbli. Għalhekk, il-miżuri imposti fuq produtturi ta' troti, prinċipalment ikkumpensaw is-sussidji diretti.

(25) Fil-perjodu oriġinali ta' investigazzjoni (is-sena 2013), sussidji diretti mogħtija lill-produtturi tat-troti kienu bbażati fuq id-Digriet Nru 2013/4463 tal-7 ta' Marzu 2013 dwar is-sussidji fl-agrikoltura fl-2013 (id-"digriet tal-2013"). Dan id-digriet huwa relatat ma' troti prodotti fl-2013.

(26) Skont id-digriet tal-2013, is-sussidji ngħataw lill-produtturi kollha tat-troti b'liċenzja valida ta' produzzjoni marbuta ma' unità tat-trobbija tal-ħut. Liċenzja ta' produzzjoni tista' tkun marbuta ma' produzzjoni fil-baħar, f'diga, jew ma' produzzjoni f'ilmijiet interni. Produttur ta' troti jista' jkollu diversi liċenzji ta' produzzjoni (farms tat-trobbija tal-ħut) li jinsabu fl-istess diga jew fl-istess żona fil-baħar. Skont id-digriet tal-2013, il-produzzjoni taħt kull waħda minn dawn il-liċenzji kienet eliġibbli għal sussidji sal-limiti li ġejjin: għal kull liċenzja ta' produzzjoni, il-produtturi ta' troti rċevew 0,65 Liri Torok ("TL") għal kull kg ta' troti għal produzzjoni sa 250 tunnellata fis-sena; għall-produzzjoni minn 251 sa 500 tunnellata, il-produtturi ta' troti rċevew nofs l-ammont (0,325 TL/kg); u l-ebda susidju ma kien riċevut għall-produzzjoni ta' aktar minn 500 tunnellata.

## 4. IR-RIŻULTATI TAL-INVESTIGAZZJONI

### 4.1. Informazzjoni ġenerali

(27) Sussidji fuq il-produzzjoni tat-troti huma rregolati permezz ta' digriet adottat mill-Gvern Tork fuq bażi annwali. Dan id-digriet jipprevedi kundizzjonijiet bażiċi u l-ammonti ta' sussidju għall-produzzjoni tal-akkwakultura fit-Turkija. Il-proċeduri u l-prinċipji dwar l-implimentazzjoni tad-digriet imbagħad jiġu determinati minn komunikati maħruġa mill-Ministeru tal-Ikel, l-Agrikultura u l-Bhejjem kull sena.

(28) Peress li l-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami kopra t-tieni nofs tal-2016 u l-ewwel nofs tal-2017, il-Kummissjoni l-ewwel analizzat l-ammonti u l-kondizzjonijiet ta' sussidji mogħtija jew li għandhom jingħataw lill-produtturi tat-troti fl-2016 u l-2017 (ara l-Kapitolu 4.2).

(29) It-tieni nett, il-Kummissjoni analizzat l-evoluzzjoni totali tal-ammonti ta' sussidji mogħtija mill-awtoritajiet Torok minn mindu saret l-investigazzjoni oriġinali sal-lum (ara l-Kapitolu 4.3). It-tielet nett, il-Kummissjoni vvalutat jekk kienx hemm bidla sostanzjali fil-livell ta' sussidjar u jekk il-bidla setgħetx titqies bħala ta' natura dejjiema (ara l-Kapitolu 4.4).

### 4.2. Sussidji mogħtija għall-produzzjoni tat-troti fl-2016 u fl-2017

#### 4.2.1. *Sussidji fuq il-produzzjoni tat-troti fl-2016*

(30) Fl-2016, is-sussidji lill-produtturi tat-troti ingħataw abbażi tad-Digriet Nru 2016/8791 ([1]) dwar l-appoġġ agrikolu li għandu jingħata fl-2016 (id-"digriet tal-2016"). Barra minn hekk, il-Komunikat Nru 2016/33 ([2]) dwar l-akkwakultura jappoġġja kundizzjonijiet dettaljati ta' sussidji li għandhom jingħataw.

(31) Filwaqt li l-ammont ta' sussidju għal kull TL/kg baqa' fil-livelli tal-2013, l-Artikolu 4.16 eskluda mis-sussidji l-farms b'liċenzji li kienu "jinsabu fl-istess qasam potenzjali determinat mill-Ministeru, fl-istess riżerva tad-diga jew fir-riżerva tad-diġa reġjonalizzata li tinsabu fl-istess żona".

(32) Skont dan l-Artikolu u għall-kuntrarju tas-sitwazzjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali, fil-każ li produttur ta' troti jkollu aktar minn liċenzja ta' produzzjoni waħda (jew "unità ta' trobbija tal-ħut") fl-istess żona potenzjali tal-baħar, kif definit mill-Ministeru, fl-istess riżerva (diga), jew fl-istess riżervi li jinsabu fl-istess reġjuni, li kienu jappartjenu lill-istess persuna jew lill-istess intrapriża/kumpanija, dawk il-liċenzji jew l-unitajiet

([1]) Id-digriet Tork Nru 2016/8791 dwar is-sussidji fl-agrikoltura fl-2016, datat il-25 ta' April 2016 (implimentati b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2016).

([2]) Il-Komunikat bl-isem: "Komunikat dwar l-Appoġġ għall-Akkwakultura" bin-numri 2016/33 dwar l-implimentazzjoni tad-Digriet Nru 2016/8791 ġie ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali fit-3 ta' Awwissu 2016.

tat-trobbija tal-ħut tqiesu bħala liċenzja jew unità waħda li tappartjeni għal dik il-kumpanija, u s-sussidju dirett kellu jitħallas skont din l-interpretazzjoni. L-applikant argumenta li minħabba dan l-Artikolu, il-volum ta' produzzjoni eliġibbli għas-sussidji naqas u rriżulta fi tnaqqis sinifikanti ta' sussidji riċevuti mill-produtturi tat-troti. Madankollu, il-Kummissjoni osservat li din il-kundizzjoni kellha żewġ limitazzjonijiet.

(33) L-ewwel nett, l-investigazzjoni wriet li, skont l-informazzjoni pprovduta mit-Turkija, il-limitazzjoni prevista fl-Artikolu 4.16 tad-digriet tal-2016 kienet marbuta biss mal-produzzjoni tat-troti li jinsabu f'riżervi tad-digi jew fil-baħar, iżda mhux il-produzzjoni fl-ilmijiet interni, li skont l-informazzjoni mogħtija mit-Turkija, tirrappreżenta madwar 20 % tal-produzzjoni tat-troti ([1]). Wara d-divulgazzjoni, it-Turkija kkonfermat ukoll li 65 % tat-total tal-faċilitajiet tal-produzzjoni (farms) jinsabu fl-ilmijiet interni u 35 % biss tal-faċilitajiet tal-produzzjoni (farms) jinsabu f'għadajjar f'digi jew fil-baħar.

(34) Għaldaqstant, il-limitazzjoni prevista fl-Artikolu 4.16 tad-digriet tal-2016 ma kellha l-ebda impatt fuq 20 % tal-produzzjoni tat-troti, u lanqas fuq 65 % tal-faċilitajiet ta' produzzjoni jew fuq il-farms. Dan kien pereżempju l-każ ta' waħda mill-kumpaniji fil-kampjun, Mittos, li kellha l-farm tat-troti tagħha stess li kien jinsab fl-ilmijiet interni. Barra minn hekk, grupp ta' kumpaniji oħra fil-kampjun, il-grupp Özpekler, kellu farms li jinsabu f'ġibjuni tad-digi differenti. Konsegwentement, skont l-informazzjoni pprovduta minn dawn il-kumpaniji/gruppi ta' kumpaniji (u vverifikata fil-livell tal-Gvern), it-tnejn li huma kienu eliġibbli biex jirċievu sussidji għall-istess għadd ta' liċenzji ta' produzzjoni (sitta f'każ wieħed, u tlieta fil-każ l-ieħor) fl-2015 (qabel il-bidla leġiżlattiva) u fl-2016 (meta l-leġiżlazzjoni l-ġdida kienet diġà fis-seħħ). Għalhekk, il-bidla leġiżlattiva ma kellhiex impatt sinifikanti fuq dawk il-kumpaniji.

(35) It-tieni nett, il-limitazzjoni kienet tapplika għal kull entità legali, li jfisser li f'każ ta' grupp magħmul minn kumpaniji relatati, kull kumpanija setgħet tapplika għal sussidji sal-limiti stabbiliti fid-digriet. Dan ifisser li, jekk grupp ta' kumpaniji kien magħmul minn diversi entitajiet legali li jkollhom l-farms ta' produzzjoni tagħhom (liċenzji) fl-istess żona, kull kumpanija tal-grupp tista' tibbenefika mis-sussidji fuq bażi separata, anke jekk ikollha farms fl-istess żona mal-kumpanija relatata l-oħra tagħha. It-Turkija kkonfermat li dan kien il-każ ta' wieħed tal-grupp fil-kampjun, Alima Group. Iż-żewġ kumpaniji relatati fi ħdan dan il-grupp kienu eliġibbli biex jitolbu s-sussidji minkejja li l-farms tagħhom jinsabu fl-istess żona.

(36) Minħabba dawn il-karatteristiċi, l-impatt globali ta' limitazzjoni ma naqqasx l-għadd ta' riċevituri b'mod sinifikanti. Skont l-informazzjoni mogħtija mit-Turkija, l-għadd ta' liċenzji ta' farms eliġibbli għal sussidju dirett naqas minn madwar 947 liċenzja għal farm fl-2015 għal 837 liċenzja fl-2016 liċenzja u għal 817 fl-2017. Kif spjegat fi premessa 34 hawn fuq, fuq bażi individwali, filwaqt li għal xi wħud mill-kumpaniji kien hemm tnaqqis fl-għadd ta' liċenzji eliġibbli bejn l-2015 u l-2016, għal xi wħud minnhom bħal perezempju Özpekler Group jew Mittos, l-għadd ta' liċenzji eliġibbli baqa' l-istess qabel u wara l-bidla.

(37) Barra mill-emenda leġiżlattiva introdotta permezz tal-Artikolu 4.16 tad-digriet tal-2016, bl-istess digriet it-Turkija implimentat ukoll sussidju dirett ġdid għal produzzjonijiet b'sistema magħluqa mill-1 ta' Jannar 2016 ([2]). l-Artikolu 4.16 tad-digriet stipula li l-għan kien li "jibbenefikaw kemm jista' jkun mir-riżorsi tal-ilma disponibbli fil-pajjiż, biex tiġi żgurata l-kultivazzjoni ta' prodotti tal-akkwakultura u speċijiet differenti fil-postijiet fejn l-ilma huwa ristrett".

(38) Is-sussidju għal sistema magħluqa ta' produzzjoni jista' jingħata wkoll lil produtturi ta' speċijiet oħra ta' ħut stipulati f'dan id-digriet, bħall-awrat u l-ispnott. L-ammont ta' sussidju ġie stabbilit fil-livell ta' 0,5 Lira Torka kull kg ta' ħut prodott fi ħdan din is-sistema, irrispettivament mit-tip ta' speċi ta' ħut prodotta.

4.2.2. *Is-sussidji li għandhom jingħataw għall-produzzjoni tat-troti tal-2017*

(39) F'konformità mal-prattika li kull sena jiġu adottati digrieti u komunikati ġodda li jirregolaw is-sussidji għall-produtturi tat-troti, fl-2017, id-digriet tal-2016 ġie sostitwit bid-Digriet Nru 2017/10465 ([3]) dwar l-appoġġ agrikolu li għandu jingħata fl-2017 (id-"digriet tal-2017"). Barra minn hekk, il-Komunikat Nru 2017/38 ([4]) dwar l-akkwakultura jappoġġja kundizzjonijiet dettaljati ta' sussidji li għandhom jingħataw.

([1]) Waqt il-verifika, l-awtoritajiet Torok semmew li 30 % tal-produzzjoni tat-troti kienet produzzjoni fl-ilmijiet interni u 70 % kienet il-produzzjoni f'għadajjar f'digi jew fil-baħar. Din l-informazzjoni ġiet ikkoreġuta wara d-divulgazzjoni.

([2]) "Sistema tal-akkwakultura kkontrollata bis-sħiħ ibbażata fuq il-prinċipju ta' użu mill-ġdid fis-sistema ta' kultivazzjoni wara li tiġi soġġetta għal xi proċessi bħat-tneħħija tal-ilma li jintuża matul il-produzzjoni u t-tneħħija ta' eskrezzjoni u fdalijiet tal-ikel bl-użu ta' serje ta' mezzi mekkaniċi u bijoloġiċi, arrikkiment bl-ossiġenu fir-rigward tal-kwalità u l-istruttura kimika, l-evaporazzjoni tad-dijossidu tal-karbonju, it-trattament bl-ożonu u/jew UV u li jiġi permess anqas użu tal-ilma u jiġi żgurat output ogħla mill-volum tal-unità, tkabbir aħjar u l-possibilità li wieħed jibbenefika aktar mill-ikel, mingħajr restrizzjonijiet ta' post u tipi u l-possibilità li jinkisbu prodotti b'anqas impatti ambjentali." (Komunikat mill-Ministeru għall-Ikel u l-Agrikoltura Nru 2016/33, Article 4 ç).

([3]) Id-digriet Tork Nru 2017/10465 dwar is-sussidji fl-agrikoltura fl-2017, datat il-5 ta' Ġunju 2017 (implimentat b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2017).

([4]) Il-Komunikat bl-isem "Komunikat dwar l-Appoġġ għall-Akkwakultura" bin-numri 2017/38 dwar l-implimentazzjoni tad-Digriet Nru 2017/10465 ġie ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali fl-14 ta' Ottubru 2017.

(40) Id-digriet tal-2017 żamm id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4.16 dwar l-għadd ta' liċenzji eliġibbli. Fl-istess ħin, huwa introduċa żieda fl-ammont ta' sussidji diretti għall-produzzjoni tat-troti. L-ammonti l-ġodda ta' sussidji kienu dawn li ġejjin:

— għal produzzjonijiet sa 250 tunnellata, is-sussidju ġie stabbilit għal 0,75 TL/kg (meta mqabbel ma' 0,65 TL/kg fl-2016);

— bejn 250 tunnellata u 500 tunnellata, is-sussidju ġie stabbilit għal 0,375 TL/kg (meta mqabbel ma' 0,325 TL/kg fl-2016);

— ma ngħata l-ebda sussidju għall-produzzjoni ta' 'l fuq minn 500 tunnellata,

(41) Id-digriet tal-2017 introduċa wkoll sussidji ġodda. Skont l-informazzjoni pprovduta mit-Turkija, dawn is-sussidji ġodda bidlu u kkumplimentaw parzjalment is-sussidji diretti kkumpensati fl-investigazzjoni oriġinali u li huma mmirati biex jappoġġaw il-konsum tal-ħut fit-Turkija, it-twettiq tal-istandards ambjentali, il-ġlieda kontra l-mard u l-kwalità tal-ikel, id-diversifikazzjoni u t-traċċabbiltà. Is-sussidji l-ġodda kienu dawn li ġejjin:

— Sussidji għal troti ta' aktar minn 1 kg;

— Sussidji għal tikkettar tal-ħut;

— Sussidji għal prattiki ta' trobbija tajba.

(42) L-għan ta' sussidji għal produzzjoni ta' troti li jaqbżu l-1 kg kien li jippromwovu d-diversifikazzjoni tal-prodotti. L-ammont ta' sussidju ġie stabbilit għal 0,25 TL/kg għall-produzzjoni ta' 250 tunnellati u nofs l-ammont (0,125 TL/kg) għall-produzzjoni ta' bejn 250 u 500 tunnellata. Il-limitazzjoni tal-kriterji ta' eliġibbiltà stipulati fl-Artikolu 4.16 u spjegati fil-premessi 32 sa 35 tapplika wkoll għal dan it-tip ta' sussidju.

(43) Wara d-divulgazzjoni, it-Turkija u l-applikant ilmentaw li s-sussidju għal troti 'l fuq minn 1 kg ikun relatat mal-prodott ikkonċernat biss jekk il-piż tiegħu ikun bejn 1 u 1,2 kg. Huma argumentaw li troti li jiżnu aktar minn 1,2 kg ma kinux jaqgħu aktar taħt id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat. Barra minn hekk, skont it-Turkija, il-Ministeru tal-Agrikoltura se jillimita s-sussidju għal troti li jiżnu iktar minn 1,25 kg fil-Komunikat li jmiss li jiddefinixxi l-kundizzjonijiet tal-iskemi ta' sussidju għall-produzzjoni tal-2018. Għalhekk, jenħtieġ li s-sussidju għat-troti aktar minn 1 kg ma jitqiesx meta tiġi vvalutata l-evoluzzjoni tal-ammonti ta' sussidju għall-produtturi ta' troti kemm fl-2017 kif ukoll fl-2018.

(44) Il-Kummissjoni qablet li trota mibjugħa fil-forma ta' ħuta sħiħa li tiżen 1,2 kg jew aktar ma kinitx il-prodott ikkonċernat. B'hekk, is-sussidji mogħtija għal produzzjoni ta' ħut bħal dan, li jservu esklussivament suq differenti, mhumiex kumpensatorji skont il-miżuri attwali.

(45) Madankollu, il-produzzjoni tat-troti li jiżnu bejn 1 kg u 1,2 kg kienu qed jibbenefikaw mill-iskema fl-2017 u kienu jaqgħu taħt l-ambitu tal-prodott. Barra minn hekk, l-Artikolu 4(f) tal-Communiqué Nru 2017/38 jagħti sussidju lil pixxikultur "fil-ġbir". Anki jekk it-Turkija kien beħsiebha tirrestrinġi s-sussidju għat-troti aktar minn 1,25 kg fl-2018, ma jeżistix kriterju legali fid-digriet li jeskludi s-sussidju meta t-trota tinbiegħ f'forma oħra. Skont l-informazzjoni li waslet, hija prattika komuni fl-industrija li tipproċessa xi troti kbar li ngabru u biex jinbiegħu bħala l-prodott ikkonċernat, pereżempju fil-forma ta' fletti. Għalhekk, l-ammont korrispondenti tal-iskema ta' sussidju jibbenefika l-prodott ikkonċernat. Barra minn hekk, fl-analiżi tagħha, il-Kummissjoni tista' tibbaża ruħha biss fuq atti leġiżlattivi u amministrattivi finali rilevanti kompletament fis-seħħ fil-pajjiż esportatur. Billi l-Komunikat li jiddefinixxi l-kundizzjonijiet għall-2018 għadu ma ġiex adottat, il-kundizzjonijiet maħsuba spjegati mit-Turkija ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni f'dan l-istadju. Il-Kummissjoni għalhekk, irrifjutat li teskludi din l-iskema minn analiżi globali tagħha, u minflok irfinat is-sejbiet tagħha fir-rigward tal-effett ekonomiku tal-iskema (ara l-premessa 67.

(46) Sussidji għal tikkettar tal-ħut bil-għan li jippromwovu l-kwalità u t-traċċabilità tal-ħut. L-ammont ta' sussidju kien 0,02 TL/biċċa għall-produzzjoni sa 250 tunnellata u nofs l-ammont (0,01 TL) għall-produzzjoni ta' bejn 250 u 500 tunnellata. Il-limitu applikat għal kull liċenzja ta' produzzjoni. Il-limitazzjoni tal-kriterji ta' eliġibbiltà previsti fl-Artikolu 4.16 u spjegata fil-premessi 32 sa 35 kienet japplika wkoll għal dan it-tip ta' sussidju. Is-sussidju għal tikkettar tal-ħut jista' jingħata wkoll lil produtturi ta' speċijiet oħra ta' ħut stipulati fid-digriet bħall-awrat u l-ispnott. Il-partijiet interessati ma kkontestawx din is-sejba wara d-divulgazzjoni.

(47) Sussidji għal prattiki ta' trobbija tajba relatati mat-twettiq ta' xi standards marbuta mal-ambjent, is-sikurezza tal-ikel, il-benessri tal-annimali u t-traċċabilità. Biex tkun eliġibbli għas-sussidju, kull kumpannija kellha tgħaddi minn

awditu. Wara li tlestiet il-verifika, ikun jista' jinħareġ ċertifikat. L-istituti li jikkontrollaw l-osservanza tal-istandards kellhom jiġu ċċertifikati mill-Ministeru. Id-data tal-iskadenza għall-applikazzjoni għal kumpaniji li jkunu eliġibbli għall-produzzjoni ta' troti prodotti fl-2017 kienet il-31 ta' Marzu 2018. L-ammont ta' sussidju ġie stabbilit għal 0,25 TL/kg sa massimu ta' 250 tunnellata ta' produzzjoni. Il-limitu applikat għal kull entità legali. Il-partijiet interessati ma kkontestawx din is-sejba wara d-divulgazzjoni.

4.2.3. *Konklużjoni*

(48) Wara l-bidla leġiżlattiva introdotta permezz tal-Artikolu 4.16 tad-digriet tal-2016, il-volum ta' produzzjoni tat-troti eliġibbli għal sussidji diretti jidher li naqas. Madankollu, skont l-informazzjoni pprovduta mit-Turkija kif ukoll l-informazzjoni rreġistrata disponibbli, l-impatt reali tal-bidla leġiżlattiva tal-2016 f'termini ta' volum u valur ta' produzzjoni eliġibbli meta mqabbel mas-sistema fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan id-digriet kien diffiċli li jiġi stabbilit, u kien jiddependi fuq il-volumi ta' produzzjoni manifatturati taħt kull waħda mil-liċenzji.

(49) L-impatt fil-livell ta' kumpaniji individwali jvarja wkoll skont is-sitwazzjoni speċifika relatata mal-produzzjoni ta' kull kumpanija. Mill-2016, il-kumpaniji li kellhom aktar minn rikjesta waħda fl-istess reġjun jew żona taħt l-iskema antika ta' għajnuna setgħu jirċievu sussidji diretti biss għal waħda minnhom. Madankollu, kumpaniji oħra bi produzzjoni interna (bħal Mittos), jew li joperaw f'żoni jew reġjuni differenti (bħall-grupp Özpekler) irċevew sussidji diretti fuq l-istess livell jew livell saħansitra ogħla minn qabel l-2016 għaliex kellhom aktar minn liċenzja waħda. Barra minn hekk, minħabba li l-limitazzjoni tal-Artikolu 4.16 tad-digriet tal-2016 applikat għal kull entità legali, l-impatt tal-bidla leġiżlattiva fuq grupp ta' kumpaniji jiddependi wkoll fuq l-istruttura tagħha. Għalhekk, filwaqt li l-gruppi ta' kumpaniji bħal GMS Group u KLC Group kienu affettwati l-aktar bil-bidla leġiżlattiva, kumpaniji jew gruppi ta' kumpaniji bħal Alima, Mittos u Özpekler u l-kumpaniji żgħar kollha li jirrappreżentaw aktar minn 65 % tal-kumpaniji ġew affettwati biss sa ċertu punt limitat jew xejn affattu.

(50) Barra minn hekk, il-Kummissjoni osservat li fl-2017, l-ammont attwali ta' sussidji diretti lill-produtturi tat-troti żdied (ara l-premessa 40). Id-digrieti tal-2016 u l-2017 introduċew ukoll numru ta' sussidji ġodda li minnhom jistgħu jibbenefikaw il-produtturi ta' troti (ara l-Kapitoli 4.2.1 u 4.2.2 t'hawn fuq).

(51) Għalhekk, filwaqt li l-limitazzjonijiet introdotti fl-2016 setgħu wasslu għal tnaqqis fis-sussidjar permezz ta' sussidji diretti, it-Turkija simultanjament introduċiet sussidji ġodda u/jew emendat miżuri ta' sussidju eżistenti. Mistoqsija importanti kienet għalhekk jekk iż-żieda fl-ammont tas-sussidji diretti u s-sussidji ġodda introdotti jikkumpensawx għal-limitazzjoni introdotta fid-igriet tal-2016. Jekk dan huwa l-każ, il-livell ġenerali ta' sussidjar jista' jkun ugwali jew ogħla mil-livell ta' sussidjar ikkalkulat fil-ħin tal-imponiment tad-dazji kumpensatorji oriġinali. Anke jekk produttur wieħed irċieva inqas benefiċċji mis-sussidji diretti fl-2016 minħabba li d-diversi liċenzji jew unitajiet tat-trobbija tal-ħut tiegħu ġew ikkunsidrati bħala waħda, din il-bidla tista' mhux neċessarjament kellha l-effett li tnaqqas il-livell ġenerali ta' sussidjar meta mqabbel mas-sitwazzjoni ta' qabel il-bidla leġiżlattiva fl-2016 (ara l-premessi 62 sa 65.

(52) Għalhekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li kellha tevalwa l-impatt tal-miżuri kollha ta' sussidju li l-produtturi tat-troti fit-Turkija setgħu bbenefikaw minnhom (jew jistgħu jibbenefikaw minnhom fil-futur) kif ukoll il-livell kumplessiv tal-issussidjar fuq skala nazzjonali. Għalhekk, ma eżaminatx l-effetti konkreti tal-bidla tal-leġiżlazzjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni għal kull waħda mill-kumpaniji fil-kampjun b'mod individwali, iżda għamlet valutazzjoni fuq livell globali, filwaqt li kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha b'referenza għall-informazzjoni pprovduta mill-kampjun tal-produtturi esportaturi.

(53) Wara d-divulgazzjoni, it-Turkija u l-applikant argumentaw li l-Kummissjoni missha ikkalkulat mill-ġdid il-marġini ta' sussidju għall-kumpaniji inklużi fil-kampjun fuq bażi individwali. Il-Kummissjoni ma qablitx ma' dan l-argument. L-applikant talab li jerġa' jiġi vvalutat it-tnaqqis tal-livell ta' sussidji lill-produtturi kollha tat-troti fit-Turkija wara bidla leġiżlattiva fl-2016. Fin-nuqqas ta' bidla dejjiema fiċ-ċirkustanzi fuq livell nazzjonali, il-Kummissjoni kkunsidratat li mhux adattat li jiġu kkalkulati l-ammonti ta' sussidju individwali korrispondenti. Il-bidliet li saru ma kinux jidhru li huma biżżejjed biex juru li l-ammont ta' sussidjar kien mibdul b'mod sostanzjali u li kien ta' natura dejjiema. Barra minn hekk, eżami tal-livell ta' sussidjar fil-livell nazzjonali, kif ukoll l-ammonti ta' sussidju fl-2018 ikkonfermaw l-istess konklużjoni.

### 4.3. **L-evoluzzjoni ta' sussidji mogħtija għall-produzzjoni tat-troti fil-livell nazzjonali**

4.3.1. *Sussidji mogħtija lill-produtturi tat-troti bejn l-2013 u l-2016*

(54) Bejn l-2013 u l-2016, l-ammonti ta' sussidji mogħtija lill-produtturi ta' troti kienu dawn li ġejjin:

*Tabella*

**Sussidji diretti lill-produtturi tat-troti**

| | Is-sena tal-produzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|
| | 2013 (il-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali) | 2014 | 2015 | 2016 |
| L-ammont ta' sussidju (TL) | 62 992 720 | 53 599 382 | 50 093 952 | 39 762 389 |
| *Indiċi* | *100* | *85* | *80* | *63* |
| Volum tal-produzzjoni (f'tunnellati) | 128 059 | 112 345 | 106 598 | 104 356 |
| *Indiċi* | *100* | *88* | *83* | *81* |

*Sors:* Informazzjoni pprovduta mit-Turkija

(55) Bejn l-2013 u l-2016, l-ammont totali ta' sussidji fuq il-produzzjoni tat-troti naqas b'37 %.

(56) L-akbar tnaqqis (20 %) fl-ammont ta' sussidji seħħ bejn l-2013 u l-2015, jiġifieri qabel ġiet introdotta l-bidla leġiżlattiva fid-digriet tal-2016. It-tnaqqis bejn dawn is-snin kien f'konformità mat-tnaqqis fil-produzzjoni tat-trota (17 %) fl-istess perjodu.

(57) It-tnaqqis fl-ammont ta' sussidji bejn l-2015 u l-2016 (qabel u wara l-bidla) kien ta' 20,6 %.

4.3.2. *Sussidji mogħtija mit-Turkija fl-2016*

(58) Fl-2016, it-total tal-ammonti attwali ta' sussidji diretti mogħtija lill-produtturi tat-troti ammonta għal 39 762 389 TL.

4.3.3. *Sussidji mogħtija mit-Turkija fl-2017*

(59) L-implimentazzjoni tal-miżuri ta' sussidju kollha li minnhom setgħu jibbenefikaw il-produtturi tat-troti fl-2017 kienet għadha ma ġietx iffinalizzata fiż-żmien tal-investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni bbażat is-sejbiet preliminari tagħha fuq il-baġit għall-2017 imbassra għal kull waħda mill-miżuri fuq livell globali.

(60) Il-baġit iddedikat għal sussidji diretti fl-2017 ammonta għal 52 500 000 TL. Skont l-informazzjoni pprovduta mit-Turkija fiż-żmien tal-verifika, 90 % tal-baġit kellu jintefaq (47 250 000 TL).

(61) Barra minn hekk, il-baġit li jmiss kien previst għall-miżuri ta' sussidju l-ġodda introdotti fl-2017:

— Produzzjoni f'sistema magħluqa — 500 000 TL

— Tikkettar tal-ħut — 10 000 000 TL

— Prattiki ta' trobbija tajba — 2 000 000 TL

— Aktar minn 1 kg produzzjoni ta' troti — 1 875 000 TL

(62) Il-baġit għal produzzjoni f'sistema magħluqa, tikkettar tal-ħut u l-prinċipji ta' trobbija tajba kien jinkludi wkoll is-sussidji għall-produzzjoni ta' speċi oħra bħall-awrat u l-ispnott. Abbażi tal-istatistiki provduti mit-Turkija fir-rigward tal-volum tal-produzzjoni totali tal-akkwakultura tal-2016, il-produzzjoni tat-troti fi ħdan il-produzzjoni ta' troti eliġibbli għal sussidji kienet tirrappreżenta 41,2 %.

(63) Ibbażat fuq it-tbassir tal-baġit, fuq il-proporzjon tal-infiq ta' 90 % u fuq il-fatt li xi wħud mill-miżuri kienu jibbenefikaw mill-produzzjoni ta' speċijiet minbarra troti, l-ewwel nett, il-Kummissjoni stmat li l-ammont totali ta' sussidji għall-produtturi ta' troti fl-2017 seta' jaqbeż il-50 miljun Lira Torka. Din l-istima kienet ibbażata fuq l-informazzjoni pprovduta mit-Turkija, li skontha kien mistenni li jintefaq 90 % tal-baġit għal sussidji diretti. Barra

minn hekk, il-Kummissjoni applikat l-istess perċentwali ta' nfiq mill-baġit biex tevalwa l-ammonti tas-sussidju tal-miżuri ta' sussidju addizzjonali introdotti fl-2017 (ara l-premessa 61). Fl-aħħar nett, għall-linji baġitarji inklużi speċijiet ta' ħut oħra eliġibbli (jiġifieri sussidji għal produzzjoni b'sistema magħluqa, 'il fuq minn 1 kg ta' troti, tikkettar tal-ħut u prattiki ta' trobbija tajbin), il-Kummissjoni applikat proporzjon ta' 41,2 % li jirrappreżenta l-produzzjoni tat-troti fil-limiti eliġibbli tal-produzzjoni tal-ħut.

(64) Wara d-divulgazzjoni, it-Turkija u l-applikant argumentaw li l-ebda wieħed mill-produtturi Torok tat-troti ma bbenefika minn sussidju kemm għas-sistema magħluqa għall-produzzjoni kif ukoll għat-tikkettar tal-ħut fl-2017 prinċipalment minħabba l-ispejjeż ta' investiment inizjali u l-imprattikabbiltà taż-żewġ miżuri. Il-benefiċċju massimu għal prattiki ta' trobbija tajba fl-2017 jista' jkun biss 592 250 TL u 83 % tal-baġit previst ġie effettivament minfuqa meta mqabbel mat-90 % stmat inizjalment mill-awtoritajiet Torok.

(65) Il-Kummissjoni qablet li tivvaluta mill-ġdid l-ammont kumplessiv ta' sussidji għall-produtturi ta' troti bbażati fuq il-bażi tal-ammonti attwalment riċevuti mill-produtturi tat-troti fl-2017. Abbażi ta' dawn l-ammonti l-ġodda ta' miżuri ta' sussidju, l-ammont totali ta' sussidji għall-produtturi ta' troti fl-2017 kien ta' madwar 48,5 miljun Lira Torka.

(66) Barra minn hekk, it-Turkija argumentat li jenħtieġ li l-iskema ta' sussidju għal troti aktar minn 1 kg ma tiġix inkluża fil-kalkolu tal-benefiċċju għall-produtturi tat-troti. Skont il-kalkoli ppreżentati fis-seduta, l-ammont ta' sussidji mogħtija għall-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat ikun jammonta għal madwar 43 miljun fl-2017.

(67) Madankollu, il-Kummissjoni osservat li din l-iskema tista' tibbenefika tliet tipi differenti ta' troti: (1) troti bejn 1 u 1,2 kg (2) troti ta' aktar minn 1,2 kg li jistgħu jispiċċaw bħala l-prodott ikkonċernat wara l-ipproċessar u (3) troti ta' aktar minn 1,2 kg li jservu suq differenti mill-prodott ikkonċernat. Fin-nuqqas ta' ċifri preċiżi dwar kif għandu jiġi allokat il-baġit ta' sussidju, il-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tikkalkola l-ammont preċiż għal kull wieħed mit-tliet tipi. Fi kwalunkwe każ, anke jekk wieħed jassumi li 100 % ta' dan is-sussidju jmur għat-tielet tip biss u b'hekk ma għandu l-ebda impatt fuq il-prodott ikkonċernat, il-konklużjoni ġenerali ma tinbidilx. Fil-fatt, meta mqabbel mal-2016, l-ammont ta' 43 miljun Lira Torka fl-2017 xorta waħda jirrappreżenta żieda ta' 4 miljun Lira Torka Tali żieda tista' tinnewtralizza parti sinifikanti mill-impatt ta' tnaqqis tal-2016 identifikat mill-applikant bħala l-bidla li tiġġustifika reviżjoni tal-miżuri.

4.3.4. *Konklużjoni*

(68) Bejn il-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali (2013) u 2016, is-sussidji lill-produtturi tat-troti naqsu b'37 %. It-tnaqqis tal-ammonti tas-sussidju mill-2013 madankollu mhuwiex relatat biss mal-bidla leġiżlattiva fl-2016 iżda kien ukoll riżultat ta' tnaqqis ġenerali tal-produzzjoni tat-troti (ara t-Tabella fil-premessa 54). Wara l-2016, il-livell ta' sussidji kien stmat li se jiżdied għal darb'oħra.

(69) Fl-2017, l-ammont totali ta' sussidji għall-produtturi ta' troti laħaq bejn 43 u 48,5 miljun Lira Torka. Għaldaqstant il-Kummissjoni kkonkludiet li l-ammont ta' sussidji wara l-2016 qed iqarreb l-ammont qabel il-bidla leġiżlattiva.

(70) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-tnaqqis tas-sussidji attwali wara bidla leġiżlattiva fl-2016 kien temporanju u li l-ammonti ta' sussidji globali kif ukoll il-livell ta' appoġġ tal-produzzjoni għal kull tunnellata żdiedu għal darb'oħra mill-2016.

4.4. **In-natura dejjiema tat-tibdil**

(71) Fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqa fil-Kapitolu 4.3.4 hawn fuq, il-Kummissjoni għalhekk osservat li t-tnaqqis tas-sussidji għall-produtturi ta' troti fl-2016 kien biss temporanju. Hija sostniet ukoll li, peress li l-kundizzjonijiet u l-ammonti ta' sussidji ġew riveduti mit-Turkija fuq bażi annwali, it-tibdil li ddaħħal ma setax jitqies bħala dejjiem, b'mod partikolari għaliex:

— l-ammont ta' sussidju dirett għal kull tunnellata żdied fl-2017;

— erba' tipi ġodda ta' miżuri ta' sussidju ġew introdotti fl-2017;

— sussidju ġdid u li jiġġieled kontra l-mard tal-ħut żgħir (il-friegħ tal-ħut) ġie introdott fl-2018.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni stmat li t-total tas-sussidji għall-produtturi ta' troti jista' jilħaq 56 miljun Lira Torka fl-2018, jiġifieri madwar 6 miljun Lira Torka fuq l-ammont ta' 2015 — li hija s-sena ta' qabel l-emenda leġiżlattiva ([1]).

([1]) L-istima saret fuq il-bażi tal-volum tal-produzzjoni tal-2017 bl-applikazzjoni fil-proporzjon tal-infiq ta' 83 % fl-2017. Għal miżuri li kienu previsti li jgawdu speċijiet oħra, il-Kummissjoni applikat proporzjon ta' 43,6 %, li jirrappreżenta s-sehem ta' produzzjoni ta' troti fost l-ispeċijiet eliġibbli.

(72) Wara d-divulgazzjoni, it-Turkija u l-applikant argumentaw li s-sussidju li jiġġieled kontra l-mard tal-produzzjoni tal-ħut żgħir, introdott fl-2018 ma kienx relatat mal-prodott ikkonċernat. Madankollu, huma ma ssostanzjawx id-dikjarazzjoni tagħhom. Fil-fehma tal-Kummissjoni, ma kienx hemm xi raġuni speċifika għaliex is-sussidju ma kienx relatat mal-prodott ikkonċernat. B'mod sorprendenti, anki l-Ministeru tal-Agrikoltura ppreżenta l-miżura ġdida ta' sussidju għall-produtturi ta' troti waqt il-verifika. Il-Kummissjoni għalhekk ma laqgħetx din l-affermazzjoni.

(73) Wara d-divulgazzjoni, it-Turkija u l-applikant argumentaw ukoll li jenħtieġ li s-sussidji għal produzzjoni magħluqa u tikkettar tal-ħut jiġu esklużi mill-analiżi għaliex ma kinux użati fl-2017 u għaliex kien iqum ħafna flus u kien imprattikabbli li jintużaw (ara l-premessa 64). Il-Kummissjoni osservat f'dan ir-rigward li l-ammont tas-sussidju għal tikkettar tal-ħut kien ta' 0,02 TL/biċċa għal produzzjoni sa 250 tunnellata fl-2017 iżda deher li żdied għal 0,03 TL/biċċa fl-2018 ([1]). B'hekk jidher li t-Turkija qed tagħmel il-miżuri aktar attraenti. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-argument li dawn il-miżuri ġodda ta' sussidju jenħtieġ li jiġu esklużi mill-istimi ta' sussidji fl-2018 u fil-futur qrib.

(74) Tabilħaqq, skont l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, il-produtturi ta' troti jeħtieġu jagħmlu l-investimenti inizjali u/jew jgħaddu minn verifiki sabiex jallinjaw il-prattiki tan-negozju tagħhom mal-kriterji ta' eliġibbiltà tal-miżuri ta' sussidju ġodda introdotti. Għalhekk, anki jekk il-baġit għal dawn il-miżuri ma jintnefaqx fl-ewwel sena/snin ta' applikazzjoni, huwa probabbli li dan jintuża aktar fis-snin ta' wara ladarba l-kumpaniji jirrendu l-attivitajiet tagħhom eliġibbli għal finanzjament.

(75) It-Turkija u l-applikant finalment argumentaw li l-Kummissjoni kellha tieħu kont tad-deprezzament tal-lira Torka ta' 90 % matul dawn l-aħħar snin. Skonthom, id-deprezzament kien ta' natura dewwiema.

(76) Il-Kummissjoni ma qablitx ma' dawn id-dikjarazzjonijiet. Id-deprezzament tal-lira Torka, munita liberament konvertibbli b'rata tal-kambju bi flutwazzjoni, ma tistax tiġi attribwita lit-Turkija. Barra minn hekk, ir-rati tal-kambju tal-muniti jistgħu jsegwu ċerti xejriet tul perjodu ta' żmien partikolari iżda jista' jkun ukoll li jerġgħu lura f'perjodu ta' żmien differenti. L-istabbiltà u l-prevedibbiltà neċessarji għalhekk qed jonqsu li jikkostitwixxu bidla ta' ċirkostanzi ta' natura dejjiema.

### 4.5. **Konklużjoni**

(77) Fid-dawl ta' dawk il-kunsiderazzjonijiet, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-sistema ta' implimentazzjoni ta' sussidji diretti hija kkaratterizzata b'bidliet kostanti fil-bażi legali, il-kriterji ta' eliġibbiltà u l-ammonti attwali ta' sussidjar. Anke jekk l-ammonti attwali ta' 2018 jitbiegħedu mill-istimi tal-Kummissjoni, is-sistema ta' implimentazzjoni ta' miżuri ta' sussidju qiegħda tinbidel b'mod kostanti u għalhekk bidliet bħal dawn ma jistgħux jiġu kkunsidrati li huma ta' natura dejjiema. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni sostniet ukoll li t-tnaqqis fis-sussidju stabbilit bejn l-2013 u l-2016 kien biss ta' natura temporanja minħabba li l-ammonti ta' sussidju għall-2017 u l-2018 kienu stmati li jilħqu livell komparabbli ta' sussidjar bħall-2013. B'konsegwenza t'hekk, u għall-kuntrarju għad-dikjarazzjoni magħmula mill-applikant, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-tnaqqis osservat fl-2016 jista' ma jitqiesx li għandu natura dejjiema.

## 5. **IT-TMIEM TAR-RIEŻAMI INTERIM PARZJALI**

(78) Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni dwar bidliet fl-implimentazzjoni ta' sussidji diretti lill-produtturi tat-troti fit-Turkija u l-assenza ta' natura dejjiema ta' dawn il-bidliet, it-talba għal rieżami interim parzjali kienet infondata u l-investigazzjoni ta' rieżami interim parzjali jenħtieġ li tintemm.

(79) Għalhekk il-miżuri fis-seħħ imposti bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/309, jenħtieġ li jinżammu.

(80) Il-partijiet kollha ġew infurmati dwar il-fatti essenzjali u l-kunsiderazzjonijiet li abbażi tagħhom kien maħsub li tintemm l-investigazzjoni. Ingħataw ukoll perjodu biex jissottomettu kummenti wara din id-divulgazzjoni. Is-sottomissjonijiet u l-kummenti ngħataw il-kunsiderazzjoni dovuta fejn kien xieraq.

([1]) Id-digriet Tork Nru 2018/11460 dwar is-sussidji fl-agrikoltura fl-2018, datat il-21 ta' Frar 2018 (implimentati b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2018).

(81) Ir-Regolament huwa f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-rieżami interim parzjali tal-miżuri kompensatorji applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti troti qawsalla li joriġinaw mit-Turkija huwa b'dan mitmum mingħajr ma jiġi emendat il-livell ta' miżuri kumpensatorji fis-seħħ.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Ġunju 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

([1]) Ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet oġġett ta' dumping minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21).

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/824

## tal-4 ta' Ġunju 2018

## li ttemm il-proċediment antidumping fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' ferrosiliċju li joriġina fl-Eġittu u l-Ukrajna

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tiegħu,

Billi:

### A. **BIDU**

(1) Fit-2 ta' Awwissu 2017, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet proċediment antidumping fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ferrosiliċju li joriġina fl-Eġittu u l-Ukrajna u ppubblikat notifika ta' bidu f'*Il Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) L-investigazzjoni bdiet wara lment minn Euroalliages ("l-ilmentatur") f'isem erba' produtturi tal-Unjoni, jiġifieri Ferropem, Ferroatlántica SL, OFZ u Huta Laziska SA, li jirrappreżentaw aktar minn 90 % tat-total tal-produzzjoni ta' ferrosiliċju tal-Unjoni. L-ilment kellu evidenza *prima facie* ta' dumping dannuż li kienet biżżejjed biex tiġġustifika l-bidu.

(3) Il-Kummissjoni infurmat lill-ilmentatur, lill-produtturi esporaturi magħrufa fl-Eġittu u fl-Ukrajna, lill-importaturi u utenti magħrufa u lil kwalunkwe parti oħra li kienet magħrufa li kienet ikkonċernata, kif ukoll lir-rappreżentanti tal-Eġittu u l-Ukrajna dwar il-bidu tal-investigazzjoni. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jispjegaw l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu smigħ fil-limitu taż-żmien stabbilit fin-notifika ta' bidu.

(4) Saru żjarat ta' verifika bejn Diċembru 2017 u Frar 2018 fil-binjiet tal-erba' produtturi tal-Unjoni, il-produtturi esportaturi li kkooperaw fl-Eġittu u l-Ukrajna, rispettivament, u importatur relatat li kkoopera fl-Unjoni.

### B. **IRTIRAR TAL-ILMENT U TMIEM TAL-PROĊEDIMENT**

(5) Permezz ta' email tas-27 ta' Frar 2018, l-ilmentatur informa lill-Kummissjoni li huwa rtira l-ilment tiegħu.

(6) Skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament bażiku, il-proċedimenti jistgħu jintemmu meta jiġi rtirat l-ilment, sakemm dan it-tmiem ma jkunx imur kontra l-interess tal-Unjoni.

(7) L-investigazzjoni ma żvelat l-ebda kunsiderazzjoni li turi li dan it-tmiem imur kontra l-interess tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-investigazzjoni preżenti jinħtieġ li tintemm.

(8) Il-partijiet interessati ġew mgħarrfa b'dan u ngħataw opportunità li jikkummentaw. Madankollu, il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment li jiġġustifika li dan it-tmiem ma jkunx fl-interess tal-Unjoni.

(9) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-proċediment antidumping rigward importazzjonijiet fl-Unjoni tal-ferrosiliċju, liga tal-metall li skont il-piż għandha mill-anqas 20 % u massimu ta' 96 % ta' siliċju u mill-anqas 4 % ta' ħadid, li toriġina mill-Eġittu u l-Ukrajna, jinħtieġ li jinġieb fi tmiemu mingħajr l-impożizzjoni ta' miżuri.

(10) Din id-Deċiżjoni hija f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) ĠU C 251, 2.8.2017, p. 5.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-proċediment antidumping rigward importazzjonijiet tal-ferrosiliċju, liga tal-metall li skont il-piż għandha mill-anqas 20 % u massimu ta' 96 % ta' siliċju u mill-anqas 4 % ta' ħadid, li toriġina mill-Eġittu u l-Ukrajna, li attwalment taqa' taħt il-kodiċijiet NM 7202 21 00, 7202 29 10 u 7202 29 90, jinġieb fi tmiemu permezz ta' dan.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Ġunju 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT